**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 15 ta' Settembru 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 1/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**David Zerafa**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Jannar 2010 kontra David Zerafa li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess David Zerafa, (1) reċidiv f'delitt, bħala ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (l-Avukat Dr. Michael Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; (2) reċidiv

f'delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż- Żebbuġ, Għawdex, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; (3) reċidiv f'delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż- Żebbuġ, Għawdex, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; (4) ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'post abitat, fi Triq Santa Marija f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; (5) reċidiv f'delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż- Żebbuġ, Għawdex mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih instab (a) bi tmien (8) voti favur u b'vot wieħed (1) kontra ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuża; (b) b'seba` (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra ħati tat-Tieni Kap tal-Att tal-akkuża; (ċ) bi tmien (8) voti favur u b'vot wieħed (1) kontra ħati tat-Tielet Kap tal-Att tal-akkuża; (d) bi tmien (8) voti favur u b'vot wieħed (1) kontra ħati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża; (e) bi tmien (8) voti favur u b'vot wieħed (1) kontra hati tal-Hames Kap tal-Att tal-Akkuża, iddikjarat lill-istess David Zerafa, reċidiv, ħati talli:

(1) fil-25 ta' Mejju, 2004, għal ħabta tal-22.00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, bil- ħsieb li joqtol persuna (l-Avukat Dr. Michael Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) fil-25 ta' Mejju 2004 għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

(3) fil-25 ta’ Mejju, 2004 ghall- habta tal-22.00 f’Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

(4) fil-25 ta’ Mejju, 2004 ghall-habta tal-22.00 f’post abitat, fi Triq Santa Marija f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f’post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuża;

(5) fil-25 ta’ Mejju, 2004 ghal habta tal-22.00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u dana skont il-Ħames Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 86, 87(1)(c), 88, 17(h), 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kapitolu 9 kif ukoll fl-artikoli 24(2), 33(1) u 29 ta’ l-Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kap. 33), l-artikoli 3(1A), 19 u 27 ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 5(1) u 51(2) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-ħati David Zerafa għall-piena ta’ priġunerija għal għomru u għall-multa ta’ mitejn Ewro (€200); kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta’ sebat elef, mitejn u sebgħa u tmenin Euros u tmienja w sittin Euro ċenteżmi (€7,287.68) rappreżentanti l-ispejjeż totali tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat ukoll li jekk il-multa u l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Inoltre ordnat il-konfiska tal-oġġetti li ntużaw fil-kommissjoni ta’ dan ir-reat. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, u qieset is-segwenti:

> “Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Philip Galea Farrugia li kienu senjatament dan li ġej:
>
> (a) Li l-omiċidju huwa l-agħar delitt immaġinabbli;
> (b) Li l-vittma kien qed jagħmel xogħolu;
> (c) Il-mod kif sar dan id-delitt huwa għal kollox inaċċetabbli;
> (d) Il-verdett huwa 8-1 u għalhekk huwa verdett qawwi u l-piena applikabbli għandha tkun dik ta’ priġunerija għall-għomor; Wara kollox ukoll fejn kien hemm ammissjoni il-Qorti Kriminali ħasset li għandha tagħti din il-piena;
> (e) Il-fedina penali fiha volum;
> (f) Li għandu jintbagħat messaġġ qawwi lis-soċjeta`;
>
> “Qieset is-sottomissjonijiet tal-*parte civile*:

(a) L-Avukat Dr Grech ħarab minn fejn saret l-isparatura fuqu sabiex jiddefendi lil familja tiegħu;
(b) Kien imkaxkar bl-aktar mod aħrax;
(c) Il-familja kellhom trawma akbar għaliex kien ser isibu l-katavru ta' missierhom jew tar-raġel propju quddiem il-bieb;
(d) Kien żmien meta l-ulied kienu qed jistudjaw u konsegwentement din it-trawma kienet ta' tfixkil kbir għalihom waqt l-istudji tagħhom;

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud li kienu dawn li ġejjin:

(a) Il-verdett huwa dak li hu għalkemm mhux bilfors taqbel miegħu;
(b) Li huwa jifhem ir-reazzjoni tal-*parte civile* iżda ma jfissirx li b'daqshekk l-akkużat għandu jeħel l-akbar piena possibbli għax din mhix awla tal-vendetta;
(c) Li mhux għax ma tkunx avukat teħel piena anqas. U hawn l-abbli avukat irrefera għal każ ieħor fejn kien hemm sejbien ta' ħtija ta' omiċidju u kien hemm ir-reċidiva u ma weħilx għomor il-ħabs;
(d) Li l-akkużi fil-kapi 2 sa 5 huma assorbiti fl-ewwel Kap;
(e) Li l-każ affettwa lill-akkużat ħażin u qed jieħu trattament mediku qawwi;

"Rat il-verbal fejn Dr Malcolm Mifsud informa lill-Qorti li huwa pprova diversi drabi jinġunġi telefonikament lill-psikjatra Dr Spiteri iżda ma rnexxilux u għalhekk għadda biex jagħmel sottomissjonijiet dwar il-kura medika li qed jieħu l-ħati wara li kien mogħti permess għal dan il-għan mill-istess ħati. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Qorti ta' kif il- ħati kien akkumpanjat min-nurse il-ħin kollu matul il-proċeduri. Il-ħati ibati minn bipolar disorder b'mumenti ta' depressjoni qawwija. Huwa jieħu varjeta' ta' mediċini u attenzjoni intensiva. Is-sitwazzjoni aggravat ruħha minħabba l-proċeduri fil-qorti.

"Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li tali kuri bl-ebda mod ma jkollhom effett fuq il-piena.

"Min-naħa l-oħra d-difiża ssottomettiet li hija ma kenitx qed tirreferi għall-każijiet fejn il-persuna tkun irriformat ruħha bħalma jiġri fil-każi tad-drogi. Dan il-każ mhix kwistjoni ta' riforma imma ta' kundizzjoni medika.

"Il-Qorti rriflettiet sew fuq is-sottomissjonijiet kollha. Tagħmilha ċara li kull każ għandu storja għalih. It-tqabbil ma' każi oħra huwa odjuż u ħafna drabi ma jkunx hemm qbil preċiż jew identiku. Il-fatti ta' dan il-każ huma aktar koroh u makabri mill-każ li semma' l-abbli avukat. Fil-fatt f'dan il-każ hemm element ta' krudelta` kbira. L-ewwel kien hemm sparatura f'għonq il-vittma qrib id-dar. Imbagħad il-vittma tkaxkar u ngħata bil-*baseball bat* fuq rasu sakemm infaqa' l-kranju u taru il-biċċiet tal-laħam mal-ħajt. Ċerti ritratti tħares lejhom biss għaliex id-dmir hekk jitlob. Mill-bqija tipprova tikkontrolla r-reazzjonijiet tiegħek kemm jista' jkun.

"Il-Qorti tifhem li l-ħati qed jingħata ċerta tip ta' kura iżda dan bl-ebda mod ma jnaqqas ir-responsabilita` tiegħu għal dak li wettaq.

"Il-każ kien premeditat u mhejji bir-reqqa. Stennew lill-avukat Dr Grech jasal ħdejn bieb daru u mill-ewwel kien hemm l-isparatura. Ma kinux kuntenti b'daqshekk. Meta rawh jipprova jsalva ħajtu u ħajjet familtu, segwewh u komplew jagħtuh fuq rasu. Dawn huma fatti li jkexkxuk u prova ċara li dan il-qtil ma sarx f'saħna ta' demm iżda bl-aktar mod kiesaħ u biered u b'determinazzjoni kbira. Dwar is-sottomissjoni rigward l-assorbiment, din il-Qorti taqbel parzjalment ma' dak li qal l-avukat difensur.

"Il-Qorti rriflettiet fuq kull punt li jidher aktar 'il fuq qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha. Bil-verdett kif inhu, bil-krudelta` tal-att, u b'omiċidju mill-aktar ikrah u premeditat, il-Qorti ħassitha fid-dmir li tapplika l-massimu tal-piena li huwa possibbli f'dan il-każ. Barra minn hekk, il-fedina penali tal-akkużat fiha sensiela ta' theddid anke lill-persuni tal-familja tiegħu. Il-Qorti qieset li t-tieni, it-tielet u l-ħames Kapi huma assorbiti fl-ewwel Kap iżda mhux assorbit ir-raba' wieħed."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi David Zerafa ppreżentat fit-3 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti (1) tħassar u tirrevoka l-verdett tal-ġurati u s-sentenza appellata, u okkorrendo d-digrieti msemmija fir-rikors ta' appell, u minflok tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati fil-konfront tiegħu li għandu jiġi liberat minn kull ħtija u piena. Subordinatament u fi kwalunkwe każ talab ukoll li din il-Qorti, f'każ li tiċħad l-appell tiegħu għal dik li hija ħtija, tirriforma s-sentenza appellata għal dik li hija piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett milħuq li ma kienx wieħed ta' unanimita`; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma: (1) li mill-provi proċesswali ma kienx hemm biżżejjed biex il-ġurija raġonevolment setgħet issib ħtija fil-konfront tal-imputat almenu mingħajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta' l-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm direttivi ta' liġi żbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett determinanti fuq il-verdett raġġunt mill-ġurati; (3) li inoltre fil-kors tal-ġuri saru bosta żbalji u irregolaritajiet proċedurali b'tali mod li huwa ma kellux "a fair trial" u dan waħdu għandu jkun biżżejjed biex din il-Qorti tilqa' l-appell; (4) fi kwalunkwe każ u subordinatament, anki li kieku kellu jiġi aċċettat li huwa ħati, il-piena inflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eċċessiva u tmur oltre dak permess mil-liġi.

**6.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li hemm numru ta' lmenti/aggravji li dwarhom l-appellant talab li ssir riferenza kostituzzjonali. B'deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Ġunju 2014 din il-Qorti kif presjeduta ċaħdet it-talba biex dawn il-kwistjonijiet jintbagħtu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għax ikkunsidrat "li t-tqanqil tagħhom f'dan l-istadju hu, fis-sens u fil-limiti ta' dak premess, sempliċement vessatorju għat-tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319)". Din il-Qorti

sejra issa tittratta l-aggravji fl-ordni li l-appellant jittrattahom fir-rikors ta' appell tiegħu; fl-ewwel lok l-ilmenti tiegħu taħt **it-tielet aggravju**.

**7.** L-ewwelnett l-appellant jissottometti li s-sentenza appellata hi nulla stante li ma kienx hemm verdett mill-ġurati dwar il-ħtija ta' reċidiva. Jgħid li l-artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali jistipula illi l-akkuża ta' reċidiva, kif kellu l-appellant, m'għandhiex tingħata lill-ġurati "ħlief wara u jekk il-guri jkun iddikjara l-akkużat ħati". F'dan il-każ il-ġurija sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u hu imbagħad ammetta l-akkuża ta' reċidiva. Skont l-appellant, il-ġurija kellha tiġi informata b'dan u tintalab tagħti verdett fuq ir-reċidiva kif provdut fl-Artikolu 478 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jsostni li biex il-Qorti tgħaddi għas-sentenza kellha titlob għal verdett ieħor mill-ġuri dwar ir-reċidiva, minkejja li kien hemm ammissjoni.

**8.** Bħalma korrettement jgħid l-appellant, fejn l-akkużat hu addebitat bir-reċidiva, dan m'għandux jiġi mgħarraf lill-ġurati ħlief wara li jkunu iddikjaraw lill-akkużat ħati tar-reat/i miġjub/a kontra tiegħu. F'dak l-istadju, il-ġurati jintalbu jagħtu verdett fuq jekk l-akkużat għandux jiġi dikjarat ħati wkoll ta' l-imsemmi addebitu. Dan isir bis-saħħa ta' l-artikolu 478 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi: **"Kull mistoqsija oħra illi l-qorti jidhrilha meħtieġ li tagħmel lill-ġuri wara l-ewwel verdett, għandha tiġi magħmula u t-tweġiba tagħha għandha tittieħed bil-mod li jingħad fl-artikolu 474."** Iżda huwa neċessarju dan fejn ir-reċidiva hi ammessa? Fil-każ in eżami, wara li nqara l-verdett tal-ġurati, sar verbal fejn intqal: "Id-Difiża mhix qed tikkontesta l-addebitu tar-reċidiva."

**9.** L-artikolu 478 appena ċitat jgħid li ssir lill-ġuri kull mistoqsija <u>li l-Qorti jidhrilha meħtieġ</u>. Huwa minnu illi meta tiġi reġistrata ammissjoni ta' l-Att ta' Akkuża, il-ġuri jkun għadu ma ġiex maħtur; iżda proprju minħabba tali ammissjoni, m'hemmx il-ħtieġa li jiġi maħtur (sakemm ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 453(2)). Fejn, wara verdett ta' ħtija, il-ħati jammetti l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tirreferi jew le l-kwistjoni lill-ġuri. Dan hu evidenti mid-diċitura ta' l-imsemmi artikolu 478. F'dan il-każ, lill-ewwel Qorti ma kienx "jidhrilha meħtieġ" li tirreferi l-mistoqsija jekk il-ħati kienx reċidiv jew le għax din il-mistoqsija kienet ġiet imwieġba bl-ammissjoni tiegħu kif ingħad. Evidentement ukoll l-ewwel Qorti ma kellhiex raġuni tiddubita jekk l-appellant (f'dak l-istadju l-ħati) kienx reċidiv.

**10.** Għalhekk l-ilment ta' l-appellant li s-sentenza hi nulla huwa miċħud.

**11.** Ilment ieħor ta' l-appellant hu dwar id-digriet li ngħata waqt il-ġuri fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013 li permezz tiegħu l-ewwel Qorti awtorizzat li

jitqassmu wkoll lill-ġurati d-dokumenti annessi mar-rapport ta' Dr Martin Bajada. L-appellant jagħmel dawn is-sottomissjonijiet:

"Illi ... waqt il-guri u fix-xhieda ta' l-espert tal-Qorti Dr Martin Bajada, il-prosekuzzjoni talbu li l-gurati jinghataw kopji ta' x'kien hemm fil-*computer* ta' l-Avukat Michael Grech li kien jirrigwarda s-separazzjoni ta' l-appellant u l-mara tieghu. Fil-*computer* ta' l-Avukat Dr Michael Grech kien hemm kwereli u ittri lill-appellant rigward allegat vjolenza domestika. Il-prosekuzzjoni argumentat li riedu prova li l-Avukat Dr Michael Grech kien qed jassisti lill-mara ta' l-appellant fil-proceduri civili, haga li l-Avukat difensur kkonceda li kien lest li jaghmel verbal f'dan is-sens quddiem il-gurati. Saru l-verbal u inghata d-digriet hawn taht:

"*'Il-gurati rtiraw mill-Awla biex isir punt ta' dritt mill-Prosekuzzjoni.*

"*'Dr Malcolm Mifsud għall-akkuzat joggezzjona li l-annex mar-rapport u d-dokumenti annessi mar-rapport ta' Dr Martin Bajada jigu mghoddija lil gurati stante li dawn id-dokumenti jikkoncernaw proceduri ta' separazzjoni bejn l-akkuzat u l-mara tieghu kif ukoll allegazzjonijiet mill-mara tieghu lil pulizija li bhala fatt ma humiex relevanti jekk l-akkuzat wettaqx l-omicidju o meno.*

"*'Illi jekk jinghataw dawn id-dokumenti ser jippregudika lil akkuzat billi jinfluwenza b'mod negattiv lil gurati rigward komportament li hija biss allegazzjoni minn naha ta' martu. Illi anki jekk is-sur Imhallef waqt l-Indirizz tieghu jaghti direttiva biex ma jaghtux kaz lil kontenut kif il-Prosekuzzjoni qed titlob aktar u aktar dawn id-dokumenti ma ghandhom jinghataw.*

"*'Dr Mifsud ghal akkuzat ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jinforma lil gurati li Dr Michael Grech kien l-avukat ta' l-mara ta' l-akkuzat waqt il-proceduri tas-separazzjoni u b'hekk ir-relevanza tar-rapport ta' Dr Bajada tkun lahqet l-iskop taghha.*

"*'Il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma' s-sottomissjoni tad-Difiza u dan ghaliex Dr Martin Bajada kien nominat mill-Magistrat Inkwirenti b'inkarigu specifiku illi tali dokumenti jifformaw parti mill-atti processwali kwindi huma producibbli u li dawn id-dokumenti huma ferm sinjifikanti ghal fini ta' motiv li seta' kellu l-akkuzat. B' dan illi l-Prosekuzzjoni qeghda minn issa tikkoncedi li l-Qorti tista' tindirizza lil gurati fis-sens illi dawn id-dokumenti ma humiex prova ta' l-kontenut taghhom imma sempliciment li huma dokumenti miktuba minn Dr Grech u li jikkoncernaw lil akkuzat.*

"*'Digriet*

"*'Il-Qorti semghet kemm lid-Difiza u kemm lil Prosekuzzjoni jaghmlu s-sottomissjonjiet dwar id-dokumenti li l-magistrat inkwirenti kien ordna lil Dr Martin Bajada jipprezenta. Fil-fehma tal-Qorti l-provi producibbli huma mhux biss dawk dwar il-facts in issue izda wkoll dwar facts relevant to the facts in issue.*

"*'Ghalhekk qed tordna li d-dokumenti a fol. 442 – 497 ikunu ccirkolati lil gurati. Izda l-Qorti ser tispjega wkoll lil gurati kif ghandhom iqisu dawn id-dokumenti.'*

> "Il-Qorti fl-indirizz taghha qalet lill-gurati li dawk id-dokumenti huma biss prova li l-Avukat Grech kien l-avukat tal-mara ta' l-appellant, u m'ghandhomx jaghtu kas il-kontenut ta' dawk id-dokumenti. Bir-rispett kollu dan ma kienx sufficjenti stante illi gurati hadu idea hazina tal-kondotta tal-appellant dwar allegazzjonijiet li kienu irrelevanti ghal kas odjern mill-bidu nett tal-guri. Il-fatt li l-gurati inghataw dawn id-dokumenti, meta kien hemm alternattiva li kienet tilhaq l-istess skop li juri li l-Avukat Grech kien avukat fis-separazzjoni. Id-decizjoni tal-Qorti li taghti dawk id-dokumenti mhux biss setghet, izda kienet ta' pregudizzju ghall-appellant. L-effett mixtieq li dawk id-dokumenti li inghataw jaghtu stampa li l-appellant huwa bniedem vjolenti irnexxa, minkejja li l-Imhallef ta struzzjonijiet li dan il-fatt ma jaghtux kasu. Fi kwalunkwe kaz, jekk proceduralment hu necessarju li biex dan l-aggravju jittiehed in konsiderazzjoni jigi interpost appell minn dan id-digriet, dan qieghed effettivament isir prezenjalment permezz ta' dan ir-rikors u l-esposizzjoni tal-fatti u id-dikjarazzjoni tal-aggravju *supra* ghandha tapplika ukoll ghal dan il-fini."

**12.** L-ewwelnett jiġi osservat illi għalkemm l-appellant kien ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet wara li rċieva l-Att ta' Akkuża, l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet ma kienet tirrigwarda d-dokumenti in kwistjoni. Dak li l-appellant qiegħed f'dan l-istadju jipprova jikkontesta hija l-inammissibilita` ta' dawn id-dokumenti għax huma rrilevanti għall-każ in eżami. Il-karatteristika ta' prova inammissibbli hi n-nuqqas ta' konformita` ta' dik il-prova mal-kundizzjonijiet imposti mil-liġi għall-produċibilita` tagħha. L-appellant, pero`, ma ssenjala l-ebda kondizzjoni, dispożizzjoni jew regola prevista mil-liġi li teskludi l-produċibilita` tagħhom.

**13.** L-appellant jilmenta li l-imsemmijin dokumenti servew biss ta' preġudizzju għalih. Iżda bħal ma ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta' Frar 2013 f'dawn l-istess proċeduri: "Salv kunsiderazzjonijiet tar-relevanza tal-prova proposta ..., li kif ġia` relevat huma riservati f'dan l-istadju għall-ġudikant li jippresjedi l-ġuri, jekk prova hi ammissibbli skont il-liġi, allura kwalunkwe preġudizzju li tista' ssofri xi parti fil-proċess konsegwenza ta' dik il-prova jkun 'preġudizzju' leġittimu skont il-liġi u kwalunkwe 'vantaġġ', reali jew perċepit konsegwenza tal-ammissibilita` ta' dik il-prova, ma jistax jitqies proċeduralment inġust għaliex dak il-vantaġġ ikun wieħed skont il-liġi. Kważi kull prova prodotta fil-kors tal-proċeduri kriminali tista' tkun 'ta' preġudizzju', fis-sens li tagħmel ħsara, lil xi parti jew oħra, iżda dan b'ebda mod ma jfisser li dik il-prova tkun inammissibbli darba li ma tkunx eskluża jew tkun permessa mill-liġi."

**14.** Fi kwalunkwe każ fl-indirizz tiegħu lill-ġurati, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri spjega x'jikkostitwixxi *hearsay evidence*. U meta qal li *hearsay evidence* tista' tikkorrobora affarijiet oħra, huwa ta s-segwenti spjegazzjoni[1]:

[1] Paġna 365 tat-traskrizzjonijiet.

"... telgħet Spettura ... u tkellmet fuq it-telefonata anonima li saret lill-*headquarters* tal-Pulizija – dik hemmhekk l-aħwa hija *hearsay*; mhijiex ammissibbli u m'għandhiex titqies minkom bħala parti ta' prova. Li nista' ngħid hu li ġieli l-*hearsay evidence* tista' tikkorrobora affarijiet oħra. Per eżempju hawnhekk ġieli kelna każi ta' korruzzjoni tal-minorenni, darba minorenni jmur jitkellem mat-*teacher*, ma' tal-mużew, ma' ta'l-azzjoni kattolika – dawk huma *hearsay evidence*, qalet x'għamillha missierha jew ma nafx min. Pero` aħna daka nħalluhom jixhdu xorta waħda u ngħidilhom isma' fihom infushom dawn a*s such* huma *hearsay evidence* pero` dik l-evidenza tista' tikkorrobora evidenza oħra. Per eżempju titla' t-tifla hawn u tixhed x'għamillha t-tali u x'ma għamillhiex it-tali. Mela dik tista' tkun bħala korroborazzjoni.

"Ingħatawlkom ukoll l-aħwa xi karti dwar il-proċeduri li kienu qed isiru ta' separazzjoni. Dawk il-karti huma prova biss li qed issir is-separazzjoni pero` jekk intom forsi qallibtuhom u fihom issib illi mart l-akkużat qalet hekk fuqu, ħudu paċenzja dik tiġi *hearsay evidence*, għaliex? Għax inti meta tmur għand l-avukat tiegħek ser tgħid ċerta affarijiet pero` dik ma hijiex prova li aħna smajna hawnhekk b'widnejna."

**15.** Imbagħad jikkonkludi b'mod ċar dwar ir-rilevanza tad-dokumenti in kwistjoni:

**"Pero` l-messaġġ huwa dak ċar u tond: għidtilkom id-dokumenti li tajnikom hawn, dawk il-karti tas-separazzjoni dawk huma biss affarijiet ta' *hearsay evidence* biex naraw li kien hemm vera qed issir is-separazzjoni imma mhux prova tal-kontenut tagħhom."**

**16.** Anke fil-mument li tqassmu d-dokumenti in kwistjoni l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri spjega lill-ġurati li ma kinux iservu bħala prova tal-kontenut tagħhom.[2] Konsegwentement l-ilment in eżami qiegħed jiġi respint u għalhekk ukoll l-appell tiegħu mid-digriet fuq imsemmi tal-11 ta' Ġunju 2013.

**17.** Ilment ieħor ta' l-appellant huwa dwar meta nhar-il Hadd 16 ta' Ġunju 2013, il-prosekuzzjoni intavolat rikors sabiex jerġgħu jinstemgħu x-xhieda tad-difiża sabiex jiġu konfrontati ma' stqarrijiet li kienu għamlu fil-15 Lulju 2005 lill-Ispetturi Chris Pullicino u Antonello Grech. Ir-rikors ġie intavolat eżatt qabel li l-Imħallef kellu jagħti l-indirizz tiegħu lill-ġurati. Skont l-appellant, b'dak li għamlet l-ewwel Qorti hija qalbet minn taħt fuq il-proċedura ta' ġuri u akkomodat il-prosekuzzjoni sabiex iġib dubbju fuq il-provi tad-difiża. L-appellant jgħid:

"Illi b'hekk meta gie intavolat ir-rikors il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha, l-avukat sottoffirmat kien ghamel id-difiza, kien pprezenta erba' xhieda, fosthom lil Emanuel Zerafa u huh Jeffrey Zerafa, kien iddikjara li kien ghalaq il-

[2] Paġni 129 – 130 tat-traskrizzjonijiet.

provi ta' l-appellant, l-Avukat prosekutur kien ghamel ir-replika tieghu u l-avukat sottoffirmat kien ghamel il-kontro-replika. Kif kien hemm miktub fir-rikors, il-Prosekuzzjoni kienet preokkupata li l-gurati "johorgu b'verdett ta' "Mhux Hati" fuq il-Kapi kollha" u b'hekk riedet li f'dak l-istadju li jerghu jitilghu Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa quddiem il-gurati b'ghan li jingieb dubbju fuq il-verzjoni ta' dawn ix-xhieda dwar il-probabbilita` li fil-25 ta' Mejju 2004 l-appellant kien id-dar, in-Nadur u b'hekk ma setax ikun Marsalforn iwettaq delitt. Fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti regghet akkomodat lill-Prosekuzzjoni ghal din it-talba straordinarja u irregolari ghall-ahhar:

*1. "Rat li l-Avukat Generali ipprezenta rikors bl-urgenza l-bierah il-Hodd 16 ta' Gunju 2013. Huwa talab li, ai termini tal-artikolu 436(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, qabel tghaddi ghall-indirizz tal-gurati, issejjah, din id-darba bhala xhieda taghha, lil Emanuel u Jeffrey Zerafa u taghmillhom dawk id-domandi li jidhrilha pertinenti u relevanti u tikkontrolla lil dawn ix-xhieda bl-istqarrija mehmuzin mar-rikors.*

*2. Il-Qorti appuntat dan ir-rikors ghas-smigh ghat-Tnejn 17 ta' Gunju 2013 u ordnat li jkun notifikat lill-akkuzat u lill-abbli Difensur tieghu Dr Malcolm Mifsud.*

*3. Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors.*

*4. L-Avukat Generali ssottometta li hemm il-htiega li dawn ix-xhieda jinstemghu mill-Qorti minhabba li l-istqarrijiet li kienu ghamlu fil-passat (15 ta' Lulju 2005) ma jaqblux ma' dak li xehdu quddiem din il-Qorti.*

*5. Min-naha l-ohra d-difiza sottomettiet li m'ghandux ikun hemm bullying tax-xhieda kif ukoll li proceduralment hija d-difiza li ghandu jkollha l-ahhar kelma. Barra dan m'hemmx xi diskrepanzi kbar bejn dak li qalu x-xhieda tad-difiza fl-istqarrijiet u dak li xehdu. Id-difiza ziedet tghid li proceduralment dak li qed tghid il-Prosekuzzjoni ma jistax isir.*

*Ikkonsidrat*

*6. Li l-artikolu 436(3) (c) tal-Kap 9 jghid hekk:*

*Imiss ukoll lill-qorti:*

*c) Li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita`.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-artikolu jista' jintuza fi kwalunkwe fazi tal-guri jekk il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun car f'mohh il-gurati x'inhija l-verita`. Effettivament din mhux l-ewwel darba li qed jigi invokat dan l-artikolu.*

*Il-Qorti, wara li rat ir-rikors u d-dokumenti l-ohra, wara li semghet il-partijiet, jidhrilha li ghandha tisma' liz-zewg xhieda Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa u*

*taghmillhom xi mistoqsijiet ta' kjarifika hi stess. Dan ser isir bla ebda theddid imma bil-kalma kollha. Id-difiza ser tinghata l-ahhar kelma.*

*L-istqarrijiet annessi mar-rikorsi ghandhom l-ewwel ikunu gguramentati quddiem il-Qorti.'*

"Qabel xejn qed jigi osservat illi fi kwalunkwe kaz, jekk proceduralment hu necessarju li biex dan l-aggravju jittiehed in konsiderazzjoni jigi interpost appell minn dan id-digriet, dan qieghed effettivament isir prezenjalment permezz ta' dan ir-rikors u l-esposizzjoni tal-fatti u d-dikjarazzjoni tal-aggravju supra ghandha tapplika ukoll ghal dan il-fini.

"Illi dan id-digriet inghata irrispettivament mill-fatt li l-appellant oggezzjona bil-qawwa kollha, minhabba zewg fatturi, primarjament li dak li kienet se taghmel il-Qorti kienet apertament tghaddi messagg lil gurati li hi stess kellha dubbju dwar il-kredibilita` taz-zewg xhieda in kwistjoni u t-tieni nett, il-procedura ma tippermettix li ssir dan. Fil-fehma ta' l-esponent huwa ovvju ukoll li l-Onorabbli Mhallef li ppresjeda il-guri kien konxju li kien ghalih difficli li jakkolji t-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba li din kienet gia` ghalqet il-kaz taghha u minflok tefa' ir-responsabbilta` fuqu stess. Dan ma setax hlief jaghti lill-gurija x'jifhmu li kien importanti li l-kredibilita` tax-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni tigi skreditata.

"Illi ghar-rigward il-procedura, in-normi kollha gew injorati:

1. Ix-xhieda Emanuel u Jeffrey ahwa Zerafa kienu xhieda tad-Difiza u mhux tal-Prosekuzzjoni u ma kinux elenkati fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Generali, anness ma' l-Att ta' Akkuza;

2. Id-Difiza kienet ghalqet il-provi taghha;

3. L-istqarrijiet li pprezentat mar-rikors tal-Hadd 16 ta' Gunju 2013, kienu f'idejn il-Prosekuzzjoni mill-15 ta' Lulju 2005;

4. Dawk l-istqarrijiet qatt ma kienu pprezentati fil-Kumpilazzjoni u b'hekk parti mill-process;

5. Id-difiza qatt ma kellha dawk l-istqarrijiet qabel il-Hadd 16 ta' Gunju 2013, b'hekk ma kellhiex opportunita` li ssaqsi hi lix-xhieda dwar dawk l-istess stqarrijiet fil-mument opportun waqt li kienu qed jixhdu ghall-ewwel darba;

6. Id-difiza li kien elenka lil Emanuel u Jeffrey ahwa Zerafa ma kienetx qeghda titlob hi sabiex jergghu jigi prodotti;

7. Il-Qorti tat impressjoni lill-gurati li kienet hi li riedet dawn ix-xhieda, ghaliex ma halliet lil hadd mill-partijiet li jsaqsi mistoqsijiet lix-xhieda u ghalhekk addossat fuqha ir-responsabbilta` b'mod li allura il-gurati gew moghtija x'jifhmu li kien hemm ragunijiet serji biex jikkonkludu li ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni ma kenitx veritjera meta in verita` il-Prosekuzzjoni setghet facilment ikkontroezaminathom pero` naqset milli taghmel dan. Din il-mizura tohloq

precedent serju hafna fis-sens li il-Qorti stess assumiet ir-responsabbilta` li ssalva il-kaz tal-prosekuzzjoni meta d-do [s*ic!*]

8. Il-Qorti marret ultra petite, peress li anki talbet lill-Ispettur Chris Pullicino u s-Supretendent Antonello Grech jixhdu sabiex jikkonfermaw l-awtenticita` ta' dawn l-istqarrijiet.

"Illi d-disponibbilita` tal-Qorti li takkomoda l-Avukat Generali kienet ovvja u ppregudikat l-appellant b'mod determinanti ghaliex wriet li l-Qorti kellha dubju fuq il-verzjoni tax-xhieda Emanuel u Jeffrey Zerafa. Huwa minnu li l-Kodici Kriminali tawtorizza fl-Artikolu 440(4), li l-Avukat Generali jista jittella xhud mhix indikata fin-nota imsemmija fi sub-artikolu (1), jekk bi tali prova *"l-akkuzat ma ikunx bata hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-prezentata ma tkunx saret fiz-zmien specifikat fl-artikolu 438".* Illi huwa ovvju u indiskutibbli li l-prova ta' l-istqarrijiet u tax-xhieda ta' Emanuel u Jeffrey Zerafa wara li kienu xehdu ghad-difiza kienet ta' hsara ghall-appellant ghaliex dik ix-xhieda kienet biss intiza sabiex tpoggi dubju f'imhuh tal-gurati dwar il-kredibbilita` taghhom. Bizzejjed jigi rilevat il-fatt li l-gurati talbu lid-Deputat Registratur kopji ta' dawk l-istqarrijiet meta kienu se jibdew jiddeliberaw. Dan jindika b'mod car kemm il-gurati gew influwenzati bid-decizjoni tal-Imhallef li kien qed jippresjedi u li b'mod assolutament inuswali interfera fil-procedura li qaleb ta' taht fuq biex jiftah berah mill-gdid l-istadju tal-provi hu stess!"

**18.** Huwa minnu, bħalma jgħid l-appellant, li huwa "inużwali"[3] li fl-istadju li kull ma jkun jonqos f'ġuri huwa li jsir l-indirizz ta' l-Imħallef, issir talba bħal dik in kwistjoni u li tiġi milqugħa. Huwa inużwali anke in vista tal-proċedura stabbilita mill-Kodiċi Kriminali ta' kif jitmexxa l-ġuri. Fil-fatt l-artikolu 464 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi ma jistgħux jinġiebu provi ġodda, la fir-replika u lanqas fil-kontro-replika <u>mingħajr permess speċjali tal-qorti</u>. Imbagħad l-artikolu 465 jipprovdi illi meta l-akkuża u d-difiża jagħlqu l-parti tagħhom, l-Imħallef jagħmel indirizz lill-ġuri. Jiġifieri huwa mistenni illi wara li jkunu nġabu l-provi u saru s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet, il-ġuri jitkompla bl-indirizz ta' l-Imħallef. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li dan ma jfissirx illi ma tistax issir talba simili u li ma tistax tintlaqa' tali talba jekk l-Imħallef li jkun qiegħed jippresjedi l-ġuri jemmen illi teżisti/jeżistu ċirkostanza/i serja/i fl-interess tar-riċerka tal-verita` li minħabba fiha/fihom it-talba għandha tintlaqa'. Imbagħad, peress li ż-żewġ xhieda nstemgħu taħt l-istess kundizzjonijiet kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża, il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli fil-mod kif l-ewwel Qorti rregolat is-smiegħ ta' dawn ix-xhieda.

[3] Sitwazzjonijiet simili, fi stadju inoltrat tal-ġuri, ġieli seħħew fil-passat, bħal per eżempju, fl-ewwel ġuri **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia** – ara verbal tas-6 ta' Ottubru 1998 f'paġna 198 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali fejn, fl-istadju li l-akkużat kien qiegħed iwieġeb għad-domandi tal-ġurati, wara posponiment qasir, saret talba mill-prosekuzzjoni biex jixhed xhud tal-prosekuzzjoni li kien diġa` xehed u liema talba ġiet milqugħa.

**19.** Issa, fil-każ in eżami l-ġuri kien differit mis-Sibt 15 ta' Ġunju 2013 għall-jum tat-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013 għall-indirizz, u dan wara li l-akkuża u d-difiża kienu għamlu r-replika u l-kontro-replika. L-Avukat Ġenerali, pero`, intavola rikors il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2013 fejn talab li qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-indirizz issejjaħ bħala xhieda tagħha (cioe` tal-Qorti), u dan mingħajr la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma jkollhom dritt jagħmlu domandi, lil Emanuel u Jeffrey Zerafa "u tagħmlilhom dawk id-domandi li jidhrilha pertinenti u rilevanti, u tikkontrolla lil dawn ix-xhieda bl-istqarrijiet" li l-Avukat Ġenerali hemeż mar-rikors tiegħu. Inoltre talab li jekk jirriżulta lill-Qorti li dawn Emanuel u Jeffrey Zerafa kkommettew sperġur meta xehdu quddiem il-ġuri fl-14 ta' Ġunju 2013 u/jew meta jiġu riprodotti mill-Qorti, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu l-passi neċessarji fil-konfront tagħhom.

**20.** Jirriżulta illi Emanuel u Jeffrey Zerafa ttellgħu bħala xhieda in difeża nhar-il Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2013 wara nofsinhar, u waqt li kienu qegħdin jixhdu dwar fejn kien l-appellant fil-lejl tad-delitti in eżami, il-prosekuzzjoni talbet konfront ma' l-Ispettur Christopher Pullicino, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti. Wara li l-Ispettur Pullicino, li kien kemm uffiċjal investigattiv kif ukoll uffiċjal prosekutur, ġie a konoxxenza ta' dak li kienu xehdu Emanuel u Jeffrey Zerafa, huwa fittex u sab l-istqarrijiet li kienu għamlu dawn l-aħwa Zerafa u ġabhom a konjizzjoni tal-prosekuturi li allura saru jafu b'dawn l-istqarrijiet is-Sibt 15 ta' Ġunju 2013 fil-5.15 p.m. u għalhekk kienu fl-impossibilita` li jikkontrollaw ix-xiehda ta' Emanuel u Jeffrey Zerafa b'dawk l-istqarrijiet waqt li kienu qegħdin jiddeponu.

**21.** L-ewwel Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, iddeċidiet illi tilqa' t-talba sabiex jiġu riprodotti Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa u tagħmlilhom xi mistoqsijiet ta' kjarifika hi stess, wara li l-istess stqarrijiet jiġu ġuramentati. Hija għamlet dan fuq dak li jipprovdi l-artikolu 436(3)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` li jmiss ukoll lill-Qorti "li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità." L-appellant jgħid li dan l-artikolu m'għandux jingħata interpretazzjoni tant wiesa'. Din il-Qorti tqis li l-unika restrizzjoni hi dik li ssemmi l-istess artikolu, cioe` li l-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha "f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullita`". Ċertament m'hemm xejn fil-liġi li tipprojbixxi li jinstema' xhud fl-istadju li fih kien wasal il-ġuri in kwistjoni. Saħansitra s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 440 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: "Iżda, jekk matul il-kawża jinstab li hu meħtieġ jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista' *ex officio* tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota." Naturalment, kif diġa` kkummentat din il-Qorti (*supra*

f'para. 18), trid/iridu teżisti/jeżistu ċirkostanza/i serja/i fl-interess tar-riċerka tal-verita` sabiex tintlaqa' t-talba.

**22.** Issa, fil-każ in eżami, filwaqt illi l-Pulizija Eżekuttiva naqset meta ma ppreżentatx l-istqarrijiet ta' Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa lill-Avukat Ġenerali in vista tal-fatt li kien magħruf mil-lista tax-xhieda ta' l-appellant illi huwa kien se jipproduċi lil ħutu "sabiex jixhdu dwar fejn kien l-esponent dakinhar ta' l-inċident", iċ-ċirkostanza li seta' seħħ sperġur kienet ċirkostanza serja biżżejjed li twassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett. Irid jingħad ukoll illi, għalkemm l-istqarrijiet ta' dawn Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa ġew ikkonfermati bil-ġurament u nqraw lilhom mill-Imħallef li ppresejda l-ġuri, u għalkemm il-ġurati talbu li jingħataw kopja tagħhom, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma laqax it-talba tal-ġurati.

**23.** Għaldaqstant anke dan l-ilment huwa miċħud.

**24.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni li fl-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri saru diversi żbalji dwar il-liġi. L-appellant jelenka s-segwenti:

> "(a) Meta l-Onorevoli Imhallef kien qed jispjega l-livell tal-prova mehtieg, gie spjegat li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kas taghha lil hinn minn kull dubju ragonevoli. Sar enfazi li l-gurati meta jiddeliberaw u jikkonsidraw il-provi migjuba tal-prosekuzzjoni m'ghandhomx jkunu certi. Bir-rispett kollu ma saritx distinzjoni bejn certezza morali u certezza assoluta. Ovvjament certezza assoluta tfisser li m'hemmx dubju ta' xejn. Izda 1-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni huwa tali li tikkonvinci li m'hemmx dubju u jekk hemm dubju ma tridx tkun dubju ragonevoli. Il-gurati jridu jkunu certi b'dak li l-prosekuzzjoni tipprezenta li hemm l-ebda xelta ohra hlief il-htija ta' l-akkuzat. B'hekk il-prosekuzzjoni trid taghti stampa cara ta' dak li gara u li l-akkuzat kien wettaq dak il-qtil oltre id-dubbju ragonevoli. Ghal dak li semghu u raw bhala provi il-gurati jridu jkunu moralment certi. Jekk minkejja li l-prosekuzzjoni pprezentat il-provi kollha u hemm dubju u dawn id-dubju jkunu ragonevoli allura ikollhom id-dover li jemettu verdett ta' mhux hati. Fl-opinjoni umli ta' l-appellant kien hemm konfuzjoni fuq dan il-punt u hemm il-biza' reali li l-gurati kienu taht l-impressjoni li setghu jkollhom dubju mill-provi tal-prosekuzzioni u sadattant xorta isibu htija."

**25.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi m'hemm l-ebda formula li trid tiġi segwita servilment ta' kif il-ġurati għandhom jiġu ndirizzati dwar il-gradi diversi ta' prova purke` jkun ċar għalihom li l-grad ta' prova li trid almenu tilħaq id-difiża huwa dak tal-probabbli u l-grad ta' prova li trid almenu tilħaq il-prosekuzzjoni huwa dak ta' mingħajr dubju raġjonevoli. Issa, huwa minnu li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma ddistingwiex f'tant kliem bejn "ċertezza morali"

u "ċertezza assoluta" iżda bejn "*beyond reasonable doubt*" u "ċertezza". Fil-fatt jgħid hekk: "Pero` xi tfisser *beyond reasonable doubt*? Ma jfissirx probabbli, aktarx iva milli le; ma jfissirx ċertezza, iċ-ċertezza l-aħwa qatt ma nistgħu naslu għaliha ...."[4] U jgħid ukoll: "Jiena fuq il-grad tal-prova ma tkellimtx biss fuq l-aħħar tarġa, fuq l-aħħar sular, fuq iċ-ċertezza. Titfixklux bejn *beyond reasonable doubt* u ċ-ċertezza. Ċertezza qiegħda għand Alla biss, għand Alla biss qiegħda. Inti jiddispjaċini ngħidlek trid issib il-*guts*, trid issib il-kuraġġ illi tiddeċiedi jekk id-difiża waslitx *on a level of probability* allura dak huwa biżżejjed u teħles lill-akkużat mill-Ewwel Kap, it-Tieni, it-Tielet, ma nafx, affari tagħkom. Jekk il-prosekuzzjoni waslet *beyond reasonable doubt* fit-Tielet, fit-Tieni, fir-Raba', fl-Ewwel, dak hemmhekk inti trid issib il-ħtija."[5]

**26.** Din il-Qorti, wara li rat il-brani kollha li jirrigwardaw l-ispjegazzjoni li ta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta' *beyond reasonable doubt*, hi tal-fehma li seta' għamel użu minn lingwaġġ aktar feliċi biex jispjega ruħu. Izda, bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217[6]: "**This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice.**"

**27.** Għar-rigward tad-dubbju dettat mir-raġuni din il-Qorti tfakkar illi tali dubbju jrid ikun dak id-dubbju li jibqa' jberren f'moħħ il-ġudikant/ġurat minkejja l-isforzi ġenwini u kuxjenzjużi tiegħu sabiex bl-użu tar-raġuni jelimina d-dubbju b'riflessjoni approfondita u akkurata fuq il-provi kollha prodotti. Wara li eżaminat l-indirizz, il-Qorti ma tarax li, kif isostni l-appellant, il-ġurati "kienu taħt l-impressjoni li setgħu jkollhom dubju mill-provi tal-prosekuzzjoni u sadattant xorta isibu ħtija". Inoltre jidher li mill-parti rilevanti ta' l-indirizz ħareġ li l-grad ta' prova rikjest mil-liġi għall-finijiet ta' ħtija jrid ikun grad ogħla mill-grad tal-probabilita` mingħajr il-ħtieġa li jilħaq iċ-ċertezza. Għalhekk ma tara li seħħ l-ebda *miscarriage of justice* b'dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fil-bran citat.

**28.** Konsegwentement dan l-ilment huwa respint.

**29.** Permezz tat-tieni lment tiegħu taħt it-tieni aggravju l-appellant jgħid:

---

4 Paġna 370 tat-traskrizzjonijiet.

5 Paġna 373 *ibidem*.

6 **Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936.

"(b) Illi l-Onorevoli Imhallef kien ta direzzjoni lill-guri li l-Identification Parade li kien ppartecipa fiha l-appellant kien legali u ma kellux bzonn il-kunsens tieghu sabiex jippartecipa fiha. Bhala retroxena, l-appellant jirreleva illi l-avukat sottoffirmat kien saqsa in kontro-ezami lill-Assistent Kummissarju Pierre Calleja, jekk saqsiex lill-appellant ghal kunsens tieghu jekk riedx jippartecipa fl-ID Parade. L-Assistent Kummissarju Calleja, wiegeb li ma kienx hemm bzonn ghaliex dan kien qed jigi kondott mill-Magistrat. B'hekk gie kkonfermat li l-appellant qatt ma kien gie mitlub jekk riedx jiehu sehem fil-ID Parade jew le. Fil-fatt f'ritratti li gew murija lill-guri, skond il-pulizija investigaturi l-appellant kien liebes *boiler suit* u balaklava u tpogga go kamra flimkien ma tmien (8) persuni ohra libsin l-istess. Bhala konsegwenza jidher car li l-appellant kien gie ordnat biex jilbes il-*boiler suit* u balaklava u ma jidher imkien mill-prova li dan sar bil-volonta` tieghu, anzi l-Assistent Kummissarju Calleja xehed li ma kellux bzonn jakkwista l-kunsens tieghu. Di piu` l-Onorevoli Imhallef spjega lill-gurati artikolu 74(1) ta' l-Att dwar il-Pulizija (Kap 164) li tistipula:

"*'**74. (1)** Meta uffiċjali investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identita` jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ tagħraf lill-persuna jew l-oġġett.'*

"Dan jindika bl-aktar mod car li l-ID Parade isir fuq ix-xewqa tal-Pulizija u mhux mill-Magistrat. Il-prezenza tal-Magistrat hija bzonnjuz sabiex jigi assigurat li l-ID Parade ma tkunx kontaminata b'*'ebda suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuni...'* Mill-provi prodotti jidher li minkejja li l-Magistrat Dr T Micallef Trigona kien prezenti waqt il-ID Parade, kien hemm influwenza esterna. Il-persuna li kienet issejhet biex taghraf lill-appellant kienet Ms Maria Grech, il-mara tal-vittma l-Avukat Michael Grech. Fil-gurnata li inqatel ir-ragel taghha qalet li l-ghajnejn kienu *almond shaped* u kannella. Fil-ID Parade li saret sena wara, minkejja l-pulizija kellha din l-informazzjoni, il-pulizija poggew persuni li kellhom ghajnejhom blue u hodor. Bhala rizultat l-options ta' Maria Grech kienu limitati hafna. Fil-fatt Ms Grech kellha xelta ta' tnejn ghaliex il-kulur ta ghajnejn ta' l-appellant kienu jixbhu biss persuna ohra li kellha n-numru 7, filwaqt li hu kien number 8. Barra minhekk l-anqas inzammu xi forma ta' minuti tal-ID Parade. Kien hemm semplici elenku ta' l-ismijiet ta' persuni li hadu sehem fl-ID Parade. Jidher li kien hemm il-Magistrat, numru ta' ufficjali tal-Pulizija u Ms Maria Grech. B'hekk Ms Grech ma kellhiex ghazla ta' disa' persuni, izda ta' ferm anqas u fl-opinjoni ta' l-appellant kien hemm biss ghazla reali ta' zewg persuni, cioe`, l-appellant u iehor. Minkejja dawn in-nuqqasijiet jidher li l-Magistrat li kellu obbligu li jassigura li Mrs Grech ma kellhiex influwenza esterna, halla dan kollu ghaddej.

"Illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha ta' l-20 ta' April 2010 fl-ismijiet Laska and Lika vs Albania (12315/04 u 17605/04) ddikjarat li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq sitwazzjoni simili, fejn kien hemm irregolaritajiet fl-Identification Parade u li l-Qorti accettat il-konkluzjonijiet tieghu."

**30.** L-artikolu 74 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta ġie introdott bl-Att XIII tas-sena 2002. Is-subartikolu (1) tiegħu jipprovdi li meta uffiċjal investigatur ikun

jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett. Is-subartikolu (2) jipprovdi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-għemil ta' parata ta' identifikazzjoni. Tali regolamenti ma sarux, u għalhekk tajjeb li ssir referenza għal dak li qalet din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha fis-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Zammit** mogħtija fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235):

> "Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:
>
> "*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who <u>so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life ...'</u>* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);
>
> "Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australian Capital Territory* fil-kawza **Sharrett vs Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:
>
> "*'... I am unaware of any authority in this country or elsewhere ... that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such*

*failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings ... and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

"Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' *identification evidence*. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

"*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

" *Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ...*

"*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

" *All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)."

**31.** Mill-atti jirriżulta illi Maria Grech, mart il-vittma, kienet tat deskrizzjoni ta' l-aggressur lill-Pulizija u anke għenithom biex isir *e-fit*. Fl-14 ta' Lulju 2005, wara informazzjoni li rċeviet il-Pulizija li wasslet għall-arrest ta' l-appellant, Maria Grech issejħet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn il-Pulizija kienu hejjew disa' ritratti ta' persuni differenti, fosthom ta' l-appellant, u li fuq kull wiċċ ġiet sovrapposta balaklava. Minn dawn ir-ritratti Maria Grech identifikat dak li kien jirrappreżenta lill-appellant. Dawn ir-ritratti ġew ippreservati u esebiti l-Qorti. Sussegwentement sar *identification parade* fil-presenza tal-Maġistrat Inkwirenti. Għalkemm Maria Grech kienet qalet li l-persuna li rat kellha għajnejha kannella, minn eżami li għamlet din il-Qorti tar-ritratti, fil-*line-up* kien hemm almenu tnejn li għajnejhom ma kienx kannella (u mhux kif issottomettiet id-difiża li tnejn biss kellhom għajnejhom kannella). Ovvjament dan ma jfissirx li l-*identification parade* kienet waħda illegali. Fi kwalunkwe każ l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri indirizza lill-ġurati fis-sens, *inter alia*, li kellhom jużaw id-debita kawtela. Fil-fatt fl-indirizz tiegħu lill-ġurati qal:

> "Huwa intom li tridu tiddeċiedu ... jekk kinitx *a fair ID parade*.... Intom bħala imħallfin tal-fatt tridu tiddeċiwedu jekk kienx hemm xi mankanza kbira f'din l-*identity parade* għax inkella jekk ma hemmx din il-mankanza allura *no problem*, jekk taraw li hemm xi mankanza kbira allura mod ieħor. Dik waħda.
>
> "It-tieni ħaġa li xtaqt ngħid hija fuq dik li hija *pure identification*. X'jiġifieri din? Aħna għandna xhud illi qalet illi għarfet lill-akkużat minn għajnejh u qalet jekk ittini elf jien xorta nagħrfu. Qalet ukoll dawn huma l-għajnejn.... Morna fuq il-post u rajna wkoll id-distanza bejnha, eċċ., jiġifieri fejn kienet, fejn qaltilna hi bil-ġurament, dejjem x'qaltilna hi. Daka x'qalet il-mara tal-vittma. L-ewwelnett l-ewwel kwistjoni l-aħwa hija temminhiex jew le bħal kwalunkwe xhud ieħor, temminha jew le. Issa jiena nimxi ma' l-istil Ingliż illi meta jkun hemm *identification* ... aħna bħala Imħallfin marbutin illi ngħidlek isma' l-*identification* qisha, hija fil-kuxjenza li tqisha, pero` qisha wkoll b'ċerta, ħa ngħid il-kelma kawtela, b'ċerta reqqa jekk setgħetx issir jew le. Ir-raġuni, għax trid tagħti raġuni wkoll: Kien hemm dawl biżżejjed? Kien hemm ħin biżżejjed biex tarah? Kien hemm distanza bejn min qed jgħid li ra u l-allegat aggressur?
>
> "Allura jiena qed nimxi mas-sistema Ingliża li tagħti din il-kawzjoni, s'intendi inti tista' tgħid jiena rajtha din il-kawzjoni u tasal għal konklużjoni tiegħek jekk setgħetx Mrs Grech tagħraf lill-agressur jew le, min dak li rajtha tixhed hawn, minn dak li rajtu waqt l-aċċess....
>
> "Issa tqanqlet ukoll diffikulta` dwar tagħrafx persuna mill-għajnejn biss. Sinjuri Ġurati anka din qiegħda f'idejkom għal kollox, jekk jistax bniedem jgħid dak hu mill- għajnejn biss anka jekk rah għal ftit sekondi. U nġibukom hawn lilkom differenti għax jista' jkun illi l-Imħallef qatt f'għomru ma kellu din l-esperjenza pero` jista' jkun ukoll li kellu u tibqa' tiftakru. Intom li qegħdin hawnhekk nine plus is-supplenti jew tkun għaddejt minn xi esperjenza inti, u din jiġifieri tibqa' tgħid jien dawk l-għajnejn jew dak il-wiċċ ma nista' ninsieh qatt. Hija ħaġa tagħkom, ħaġa ta' l-esperjenza tagħkom, ħaġa li forsi tgħid ma nafx, infakkarkom

> f'film biex forsi jiġi naqra f' moħħkom, imma jiena personalment ma nixtieqx illi ninfluwenzakom billi ngħid jien x'niftakar u x'ma niftakarx. U tista' ma tiftakarx dak li ġara.
>
> "Jiena nistedinkom min isiefer minnkom jew hawn Malta stess jew jien naf, illi tara jekk huwiex possibbli, hija ħaġa tagħkom, hija ħaġa ta' fatt jekk hijiex possibbli li tagħraf bniedem minn għajnejh biss u xejn aktar. Jekk tistax tgħid illi għaddew tletin sena u dawk l-għajnejn jiena kieku jkolli npinġihom inpinġihom. Jekk l-affarijiet jispiċċaw bit-tajjeb pjuttost illi *it sails away*, jekk l-affarijiet jispiċċaw b'togħma qarsa għandek ċans li tibqa' tiftakarhom. Pero` jiena ma nistax nissostitwixxi lili nnifsi għal ġudizzju tagħkom, din qajmitha d-Difiża, jiena qed ngħaddihielkom: Tista' tagħraf bniedem minn għajnejh biss u daqshekk? U jibqa' tant feroċi f'moħħok illi jgħaddi kemm jgħaddi żmien inti tibqa' tiftakru?"

**32.** L-appellant jirreferi għall-każ **Laska and Lika vs. Albania** deċiż fl-20 ta' April 2010 (finali fl-20 ta' Lulju 2010) mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-sitwazzjoni ta' l-*identification parade* f'dak il-każ kienet differenti minn dik fil-każ odjern. Il-paragrafu 66 ta' dik is-sentenza huwa elokwenti f'dar-rispett: **"In the first place, the applicants and B. L were required to stand in the line-up wearing white and blue balaclavas, similar in colour to those worn by the authors of the crime. The other two persons in the line-up wore black balaclavas, in stark contrast to the white and blue balaclavas worn by the applicants and B.L who were accused of committing the offence. The change of position of the persons in the line-up did not result in any different outcome for the applicants, as they were consistently required to wear the same colour (white and blue) balaclavas (see paragraph 13 above). The Court finds that the identification parade was tantamount to an open invitation to witnesses to point the finger of guilt at both applicants and B.L. as the perpetrators of the crime."**

**33.** Barra minn hekk il-Qorti Ewropeja ma kkummentat xejn dwar il-fatt li l-persuni imsemmija ġew mitluba jew "were required" li jilbsu balaklavi għal waqt l-*identificatuion parade*. Għalhekk din il-Qorti żgur ma tistax taqbel ma' l-appellant li kellu jintalab il-kunsens tiegħu sabiex jieħu sehem fl-*identification parade* liebes *balaklava* u *boiler-suit*.

**34.** Konsegwentement anke dan l-ilment huwa miċħud.

**35.** It-tielet ilment taħt it-tieni aggravju huwa dan:

> "(c) Illi l-Onorabbli Qorti spjegat dwar il-Best Evidence Rule. Bhala retroxena, l-avukat sottoffirmat qal li l-identifikazzjoni ta l-appellant kienet vvizjata ghaliex meta xehdet Mrs Maria Grech kellha tidentifikah fil-Qorti u mhux mir-ritratti li gew prodotti. Il-Qorti fl-indirizz taghha qalet li l-Best Evidence Rule kienet fuq dokumenti u jekk hemm original allura dak irid jigi prodott u mhux kopja. Fil-fatt

> f'dan il-kas partikolari x-xhieda tal-Prosekuzzjoni Mrs Maria Grech strahet fuq dokumenti, meta l-appellant kien ftit metri 'l boghod minnha. Kif isir fil-kawzi penali kollha, l-Prosekuzzjoni jew il-Qorti ssaqsi x-xhud "taghraf lil xi hadd?" u x-xhud jdur fuq l-akkuzat u jidentifikah. F'dan il-kas, fejn Maria Grech insistiet tant li taghraf l-ghajnejn ta' l-appellant, ma identifikatx l-appellant, izda semplicement ikkonfermat li gharfet l-persuna bi numru 8 fil-Identitication Parade li sar fi Lulju 2005."

**36.** Minn eżami tax-xiehda ta' Maria Grech huwa minnu illi fl-ebda ħin ma ġiet mistoqsija jekk tagħrafx lil xi ħadd fl-Awla. Pero` kkonfermat illi mir-ritratti li wrewha l-Pulizija hija għażlet in-numru tnejn "bħala l-għajnejn li rajt dakinhar fl-indana tat-taraġ quddiem il-bieb, għax l-għajnejn kif għidt dawk kienu li mpressjonawni dejjem". Kwantu għall-*identification parade* mbagħad qalet li fliet lil kull min kien fil-*parade* iżda "x'ħin wasalt għal number 8, in-number 8 x'ħin rajt għajnejh ħaduni lura lejn il-ħin ta' l-inċident.... Jiġifieri n-number 8 dawk l-għajnejn ma ninsihom qatt." Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni juru li r-ritratt numru tnejn u n-numru tmienja fl-*identification parade* huma l-appellant.

**37.** Blackstone's Criminal Practice 2008 jgħid: *"The best evidence rule [as an inclusionary rule] is moribund."* Jgħid ukoll: *"The best evidence rule, which was used in the 18$^{th}$ and early 19$^{th}$ centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better was available, is now all but defunct."* L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fl-indirizz tiegħu lill-ġurati ċċita lil Lord Denning li fl-1969 qal: *"the old rule that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow and that any secondary evidence has to be excluded has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that if an original document is available on one's hands one must produce it, that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence, yet with all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to admissibility."* U qal lill-ġurati: "Issa huwa sta għalikom l-aħwa jekk meta kienet qed tixhed Mrs Grech dwar ir-ritratti u dwar l-Id parade anka fil-kontro-eżami kinitx qed tirreferi għall-akkużat jew le, hija ħaġa li tridu minn dak li rajtu u minn dak li smajtu, u jekk tridu bħal ma dejjem għidtilkom dejjem tistgħu terġgħu tisimgħu, mhux taraw għax hawnhekk ma għandniex video ta' kollox, daka hija ħaġa f'idejkom, anka dik ma hijiex ħaġa li jiddettalkom l-Imħallef."

**38.** Naturalment, il-Qrati Maltin ma jistgħux jinjoraw l-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar *best evidence* li hu applikabbli għall-proċeduri kriminali bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali; dan, iżda, illum-il-ġurnata jrid jiġi interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza aktar reċenti tal-qrati Ingliżi u tal-

prattika l-aktar reċenti tal-qrati tagħna. Din il-Qorti għalhekk tqis it-tielet ilment fieragħ.

**39.** Ir-raba' lment taħt it-tieni aggravju huwa fis-sens li ġej:

> "(d) Rigward jekk saritx il-konfessjoni ta' l-appellant lil Stephen Spiteri u Rodney Vella, il-Qorti saqsiet lill-gurati sabiex jaraw li persuna tiftah qalbha ma' persuna ohra. Bir-rispett kollu, li l-prosekuzzjoni trid li wiehed jemmen kien jekk persuna li ghadu kemm iltaqa' ma' persuna ohra ghal ftit sieghat jikxef li kien awtur ta' omicidju volontarju u jaghti d-dettalji kif sehh. Fil-fatt huwa inverosimili li persuna jaghti konfessjoni ta' din ix-xorta lil persuna li ghadha kemm iltaqghet mieghu ghal ftit minuti. Stephen Spiteri u Rodney Vella huma *police informants*, mhux fuq dan il-kas biss, izda kien gie pprovat li kienu xhieda ewlenin u krucjali tal-prosekuzzjoni f'omicidji ohra. Kif se jigi indikat ix-xhieda taghhom hija dubbjuza u kwestjonabbli ghall-ahhar."

**40.** Fuq dan il-punt, din il-Qorti sejra sempliċement tirreferi għal dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri lill-ġurati:

> "Qanqlet ohra wkoll id-Difiza jigifieri ma hallithiex bhal melha ta d-Difiza, mela jekk bniedem qaltilna ma tkunx taf inti jistax jiftah qalbu mieghek. Once again l-ahwa jiena dana ma nistax ingib espert hawn u jghidilna din, l-ewwelnett ma tela' ebda espert u la ma telax ma telax, pero' apparti minn esperti, jekk ser jimxi kollox b' esperti allura intom ghaliex qeghdin hawn? Biex tieklu tajjeb biss? Once again l-ahwa din jistax, u hawn bhal ma ghidtilkom ta' l-ghajnejn ser nghidilkom din ukoll u min kien f'xi istituzzjoni jista' jitkellem aktar, haddiehor jista' jitkellem min kien f'xi club jew forsi kien habib hafna, jew l-aktar haga hija jekk xi darba kontx qieghed bilqieghda ghal kwiet, gie xi hadd u tghid imma dan kif qed jitkellem mieghi? U jghid certa affarijiet l-iskappaturi ma' nisa ohra per ezempju ma' bniedem li huwa totalment stramb ghalih. Il-Prosekuzzjoni pero` gibditilkom l-attenzjoni ghax irrid inkun fair issa, il-Prosekuzzjoni qaltilkom isma' hija dana qieghed f'post maghluq, hamsa minn nies, ma nafx jekk hux qed nghid id-dimensions tajbin jew le jidhirli li qalu seven by seven? Qed niftakarhom jew le? Ghax jiena ma qieghed inhares lejn xejn u nimxi fejn nista', qalilkom allura dan xi trid taqbad taghmel hlief li jew ticcajta u tqaxxar ix-xaghar jew inkella tiftah qalbek fuq dawn l-affarijiet?
>
> "Dak huwa x'azzardat tghidilkom il-Prosekuzzjoni, dak huwa d-dmir taghha. Id-Difiza qaltilkom bil-maqlub, qaltilkom dan x'jigifieri ma nafux minn Adam u mmur nghidlu dawn l-affarijiet? Dawn l-affarijiet serji mmur nghidhom lil haddiehor? Ma ghandniex esperti l-ahwa hawn u l-Qorti ma tistax taghmilha ta' espert, ma tistax. Intom hawnhekk hawn disa' minn nies plus two illi ghixtu hajjitkom, mhux daqsi milli jidher hux Sur Registratur? Hux l-Id cards kollha juru anqas marelli? Jiena meta mmur nara muzew tal-karozzi dejjem noqghod fil-parti bejn 1900 u l-1949, noqghod hemm nghid almenu qieghed f'xi haga li hija ixjah minni hawn gew, ghax meta taqbez in-naha l-ohra tghid din niftakarha fit-triq, nghid din niftakarha din il-karozza. Hemm wiehed sabih hafna Salamanca, Spanja titilfuhx, u hemm iehor immens tal-genn huwa f'Toulouse. Jekk tmorru xi darba Strasbourg intom ieqfu Toulouse u arawh. Tghidx kemm hu sabih, wahda

mill-aqwa tal-karozzi, qed nghidlek aqwa minn ta' Torino. Issa jiena mhux xi bniedem dilettant tal-karozzi bhal ma tafu imma dak hemmhekk ta' Toulouse kien laqatni mmens.

"Jigifieri l-ahwa jekk bniedem li ma tkunx taf jistax jiftah qalbu mieghek jiddispjacini jiena ser inhalliha f'idejkom ukoll."

**41.** L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien korrett f'dak li qal lill-ġurati. Kienet kwistjoni kompletament f'idejn il-ġurati, li semgħu x-xhieda, jikkunsidrawx verosimili li persuna li għadha kemm iltaqgħet miegħek tiftaħx qalbha bil-mod li allegatament għamel l-appellant. Hija kwistjoni li issa se tiġi kkunsidrata aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**42.** L-aħħar ilment taħt it-tieni aggravju huwa dan:

"(e) Illi l-Onorabbli Qorti sostniet li persuna tista' tirtira xhieda guramentata matul il-process kollu u qabel is-sentenza finali. Din is-spjegazzjoni saret ghaliex l-avukat sottoffirmat kien spjega fid-Difiza tieghu li Rodney Vella ma kellux ghazla ohra hlief li jikkonferma dak li kien qal fil-kumpilazzjoni ghaliex dak li kien qal kien qalu bil-gurament. Jekk fil-guri ghamel *retraction*, il-pulizija setghu jipprocedu ghal spergur skond l-Artikolu 104 tal-Kodici Kriminali. L-Onorevoli Imhallef fl-indirizz tieghu qal li dan ma kienx minnu ghaliex fil-kaz li Rodney Vella ghamel *retraction* u qal li dak li qal fil-kumpilazzjoni ma kienx veru, ma kellux biza' ta' prosekuzzjoni ghaliex kien qabel is-sentenza u b'hekk seta jaghmel din ir-*retraction*. Il-Kodici Kriminali ma jghidx hekk u b'hekk m'hemm l-ebda certezza li l-pulizija ma kienux jiehdu azzjoni penali kontrieh. Certament il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha sabiex twaqqaf il-pulizija li jiehdu passi kontra xhud. Jekk ikollha success lew le, din hija haga ohra, izda certament il-pulizija setghu jiehdu passi kontra Rodney Vella. Ironikament, l-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta' nhar il-Hadd 16 ta' Gunju 2013, talbet il-Qorti sabiex tordna l-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga lil Emanuel u Jeffrey Zerafa ghal spergur."

**43.** F'dar-rigward il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid fin-"Notes on Criminal Law, Vol. II":

"...our Criminal Code does not contain any express provision, as is contained for instance, in art. 216 of the Italian Code of 1899 and art. 376 of the present Code. But the principle as we shall say has been accepted in our case-law.

"Pessina says: 'Il testimonio il quale facesse una testimonianza falsa, ancorche` cio` avvenga nel corso del giudizio, ritrattandosi prima che si chiudesse il dibattimento, non sarebbe soggetto ad azione penale per falsa testimonianza, siccome fino a tale momento si tratta di un conato, che vien esente da pena per il sopraggiunto pentimento del colpevole' (Elem. di Diritto Penale, Vol. II, Cap. III, I para. 1)."

"The reasons for this principle are briefly that the several parts of a testimony form together one indivisible whole, such testimony cannot be considered complete and irrevocable except when the discussion of the cause in which it is given is definitely closed. A witness who retracts any untruthful deposition before it has caused to the community or to the individual an irreparable injury, thereby voluntarily negatives the effects thereof. The law creates the crime of false testimony only in as much as this may wrongfully influence the decision in the cause and when a person who has given the false testimony prevents its effects in time, one of the ingredients of the crime, that is, the possibility of misleading justice and causing an injury, ceases to exist.

"The principle, as we have said, has been accepted by our Courts. In 'Rex v. P. Borg' (18.12.1942) His Majesty's Criminal Court held that 'retraction, if timely, negatives the offence' (vide Harding, op. cit. para. 36). This principle, the Court said, may be inferred from Section 601[**illum art. 602**] of the Code of Organisation and Civil Procedure applied to the Criminal Courts by Section 641[**illum art. 520**] of the Criminal Code – which lays down that if a witness, at any time before the hearing of the cause is closed, wishes to make any addition or correction, the Court shall allow such addition or correction, and shall evaluate the same according to the circumstances. From this provision it also clearly emerges that the time up to which a witness may retract is the closing of the hearing of the cause. Retraction made subsequently to that stage will not avail the false witness....

"The retraction, in order that the witness may benefit thereby, need not, it appears, be absolutely spontaneous in the true and proper sense of the word: it is sufficient if it be voluntary. Under Section 515 [**illum art. 522**] of the Criminal Code the Court has the right in its discretion to lead back to the truth any witness who prevaricates in his deposition, by warning him, keeping him apart, or even ordering his arrest. Notwithstanding that the retraction may have been made after any such measures were applied, it would seem that it nonetheless avails the witness (cfr Harding, op. cit., para. 36, n. 43)."[7]

**44.** Huwa f'dan is-sens li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri korrettement indirizza lill-ġurati[8]:

"L-ispergur huwa li tiehu gurament falz waqt proceduri. Issa hawnhekk l-ahwa jkolli nghidilkom illi waqt proceduri wiehed jista' jirtira dak li jkun qal taht gurament sa l-ahhar, wiehed jista' jirtira dak li qal taht gurament sa l-ahhar. Mela jekk jiena xehedt quddiem il- Magistrat isfel, quddiem il- Magistrat ghaliex xehedt jiena? Ghax tellawni l-pulizija biex nixhed waqt il-kumpilazzjoni .... pero' ta' l-ispergur l-ahwa rrid naghmilha cara ghax intqal fil-konfront ta' wiehed mix-xhieda li dan kien marbut ma' dak li qal quddiem il- Magistrat.

"X' ghamel, jekk qalx il-verita' dan ix-xhud tridu tarawh intom. Jekk dan ix-xhud marx ha parir minghand xi avukat jien ma nistax nghidu bhal ma intom ma tistghux tghiduh ghax ma ghandna ebda prova. Pero' liberalment li kieku

[7] Paġni 70 – 71.
[8] Paġni 379 – 380 tat-traskrizzjonijiet.

hawnhekk ried jew javza lil Prosekuzzjoni qabel jew javza lil Qorti isma' jien ser inbiddel il-verzjoni tieghi, dan seta' jaghmlu minghajr ma jittiehdu proceduri kontra tieghu. Ghaliex l-ahwa? Ghaliex il-proceduri ghadhom ma spiccawx, lanqas issa ma spiccaw jiena u nindirizzakom jiena, ghadhom ma spiccawx.

"U skont almenu l-ligi kif tghallimtha jien u kif ikkummentatha, u din qed nghidha mhux ghalikom l-ahwa imma ser nghidha ghal Prosekuzzjoni w ghad-Difiza please biex kulhadd ikun jaf ghal x'hiex qed nirreferi, jien ma qieghed nidhak b' hadd, li huwa n-notes ta' l-Professur Mamo pages 70 – 71 part II, jekk fil-kaz wara naghtihomkom Dottore.

"Dana jinsisti l-Professur Mamo Alla jahfirlu u jtih il-glorja ta' l-Genna u mhux hu biss, dan ma kienx qed jivvinta minn zniedu ta, kien qed jiehu kazistika Maltija, fil- fatt jiena ghandi hawnhekk anka l-isem ta' l-kaz li jsemmi hu, mhux ser noqghod insemmihulkom, il-kaz huwa antik ta' l-1942, ara please dak huwa sew qabel ma twelidt jien biex ma tahsbux illi kont prezenti meta taw dak il-kaz, infakkarkom ukoll l-ahwa li hemm section fil-Kodici Kriminali li tghidlek illi l-Qorti ghandha d-dritt li tipprova tipperswadi lil min ikun qed jixhed li jixhed id-dritt. Dik hija section li qeghda fil-Kodici Kriminali, fl-antik kienet il- 515 ghax jiena hekk nafhom bl-antik, illum inbidlet ghaliex meta regghu ghamlu re numbering ta' l-Criminal Code tawha number gdid imma qeghda hemmhekk. Pero' nerga' nghid please illi fejn jidhol il-kaz ta' l-ispergur dak li jkun jista' irregga' lura dak li qal sa l-ahhar."

**45.** Għalhekk anke dan il-ħames ilment qiegħed jiġi miċħud.

**46.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li assolutament ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragonevoli tasal ghal konkluzzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragjonevoli. Huwa jissottometti illi:

"(a) L-investigazzjoni tal-pulizija kienet infixla mill-Magistrat Inkwerenti, stante illi kienu mizmuma milli jinvestigaw u janalizzaw id-data fil-*computer* tad-decujus, l-Avukat Dr Michael Grech. Mix-xhieda ta' Dr Martin Bajada, hareg bl-aktar mod car li kien hemm rikjesti mill-pulizija sabiex jinvestigaw u janalizzaw data li kien hemm fil-*computers*. Jidher li l-Magistrat Inkwerenti kien qed jara dan id-data hu personalment, izda l-irwol tieghu huwa totalment differenti minn dak tal-pulizija. Minkejja li ghandu d-dritt li jordna l-arrest ta' persuna suspetta li wettqet id-delitt u jista' jahtar esperti sabiex janalizzaw il-provi, l-iskop principali tieghu huwa sabiex jassigura li l-provi kollha jigu konservati u jabbozza process-verbal. Il-pulizija ghandhom il-hila u l-mezzi legali u fattwali sabiex janalizzaw il-provi u jigbdu konkluzjoni minn dik l-analizi tad-data. Huwa ammirabbli li wiehed jipproteggi r-reputazzjoni ta' ex-kollega, izda certament jekk kien hemm suspett li d-delitt sehh minhabba l-professjoni tad-decujus, l-access ghad-data mill-pulizija kien essenzjali ghall-ezercizju ta' investigazzjoni.

"(b) Il-provi forensici mhux talli ma kinux konkluzivi, izda sahanistra gew imwaqqfa fin-nofs: (i) minkejja li l-pulizija kienet taf ben tajjeb li arma tan-nar kienet intuzat u l-ghada tad-delitt ingabru numru ta' persuni li kienu avversarji tal-klijenti tad-decujus, fosthom l-appellant, ma ttiehed l-ebda swab sabiex isir it-

test ta' Gunshot Residue. Ovvjament, jekk il-pulizija saqsew sabiex isir dawn it-tests ftit sieghat wara li sehh id-delitt, kienu ikunu f'pozizzjoni ahjar sabiex jaraw min wettaq id-delitt. (ii) L-espert Robert A Cardona fir-rapport tieghu (a fol 710 seq) sab numru ta' samples ta' demm fil-luggage booth ta' suspettat iehor, Emmanuel Micallef, li kienu l-istess grupp tad-demm tad-decujus, l-Avukat Michael Grech, jigifieri Group A. Sabiex jara jekk kienx ta' l-Avukat Grech jew tas-Sur Micallef, peress li hu wkoll kellu d-demm ta' grupp A, kkonsenja s-samples lil Andrew Mc Donald ta' Orchid Bioscience Europe Limited tar-Renju Unit bl-ghan li ssiru tests ta' DNA. Qatt ma waslu r-rizultati! Fix-xhieda tas-Sur Cardona, zvela li kien kkonsenja hu personalment dawn is-samples, izda xi hadd waqqaf li jsiru dawn it-tests ta' DNA. L-espert tal-Qorti jghid li mhux hu kien waqqaf dan il-process. B'hekk mhux se nkunu nafu jekk dak id-demm fil-luggage booth ta' Emmanuel Micallef kienx ta' l-Avukat Dr Michael Grech jew tas-Sur Micallef jew ta' persuna ohra. Illum ma nafux, izda tifforma bhala parti mill-provi tal-prosekuzzjoni. (iii) fl-ahharnett ittiehdu numru ta' fingerprint liftings, izda ma saru comparison ma' hadd.

"Illi dawn il-fatti biss, igibu dubju ragonevoli a favur ta' l-appellant ghaliex kienu provi tal-prosekuzzjoni li jindika li ingabru, izda l-pulizija u l-awtoritajiet kompetenti waqfu li ssir l-analizi mehtiega. Dan ma kienx kas ta' rizultati inkonklussivi, izda pjutost li l-pulizija u awtoritajiet kompetenti waqfu l-investigazzjoni taghhom meta seta' kien hemm rizultat differenti. Hemm dubbju kbar dwar il-*bona fede* ta' l-investigazzjoni u r-ragunijiet ghaliex certu testijiet ovvji, li jsiru f'kull kas ma sarux fil-kaz prezenti anzi stranament twaqqfu milli jsiru.

"(c) Illi prova ohra li kellha l-prosekuzzjoni kontra l-appellant kien ix-xhieda ta' Mrs Maria Grech, li qalet li identifikatu minn ghajnejh biss. Skond Mrs Grech rat l-aggressur, li kien liebes haga li tixbah balaklava u b'hekk kienu jidhru ghajnejh biss, ghal ftit sekondi. Fl-access Mrs Maria Grech deskrivit, anzi wriet lill-gurati u l-Qorti, li malli harget mill-bieb kienet qieghda thares 'l fuq, peress li hasbet li l-hsejjes kienu gejjin minn fuq u malli nizlet ghajnejha rat l-aggressur ezatt quddiemha. Hi irtirat 'l gewwa u ghalqet il-bieb. Dan kollu sehh fi ftit sekondi u b'hekk rat lill-aggressur sekonda jew tnejn. Barra minhekk kellha xokk fuqha u kienet bezana ghaliex ratlu pistola jew arma tan-nar. Ic-certezza ta' Mrs Maria Grech gejja mill-fatt li tara dawn l-ghajnejn kull darba li taghlaq ghajnejha. B'hekk il-htija ta' l-appellant huwa bbazat fuq x'rat sekonda jew tnejn u taht xokk. L-awturi huma kawti hafna fuq identifikazzjoni. Fil-fatt l-awturi Inglizi jghidu l-Imhallef ghandu jidderigi l-gurati sabiex juzaw kawtela kbira dwar l-identifikazzjoni ta' persuna ghaliex tista' tkun influwenza minn diversi fatturi li jista' jwassal ghal zball. Fil-fatt skond skond "Andrew & Hirst on Criminal Evidence" (Fourth Edition, 2001):

> "**"The dangers of faulty identification evidence**
>
> "Evidence of identification by eye-witnesses is potentially subject to all the various errors and inaccuracies of perception and recall that can affect eye-witness testimony generally. Witnesses may be distracted, obstructed or surprised at the time of the incident concerned, and may fail to notice certain important matters. What

they do notice may subsequently become obfuscated or distorted as a result of poor memory retention or complex psychological processes in which suggestive influences from other persons, or from their own subconscious minds, distort their recollection of the incident.

"Although not unique to identification evidence, these sources of error are more dangerous in identification cases because of the subtle and complex mental processes that identification requires. As Stone explains:

"*'When an eyewitness states in evidence that he saw a man point a revolver at a bank teller and heard him demand money, he is stating a past experience. When he points to the accused in the dock and says, "That is the man", he is stating a present experience, which he links by means of memory with his past experience... Visually, as objects of perception, many faces are not so different from each other ... so if the recalled image of the robber's features has faded sufficiently, it would not amount to any great error in the perceptual sense to identify the man in the dock wrongly as the robber.'*

"It has only been shown that mistaken identification may sometimes be caused by a process called 'unconscious transference', in which a witness, recognising a face which he has briefly seen in the past, mistakenly assumes that this is the person he saw commit the crime. It may be someone he saw before the incident concerned, or it may be an innocent bystander at the scene of the crime. This person may bear no resemblance to the offender. Problems of perception or recall may be exacerbated by lapse of time, and yet witnesses are sometimes invited to make identifications weeks or months after the alleged offence.

"It may be proper and necessary for the police to show witnesses photographs of known criminals in an attempt to identify an offender. Recognition of the face in such a photograph may enable the witness to provide a vital lead. Unfortunately, this may adversely affect the reliability of any subsequent 'live' identification by the witness. Having identified the person in the photograph, a witness subsequently faced with an identification parade may not find it easy to distinguish between his mental image of the offender and that of the face in the photograph. He may identify an innocent suspect who has been arrested and put on the parade as a result of an original mistake in identifying the photograph.

"Other psychological considerations may be significant. When a witness is asked to inspect an identification parade, he may feel under pressure to make a positive identification, and this may tempt him to identify whichever person on that most nearly resembles his recollection of the offender. Code D provides that witnesses should be warned that the offender may not be on the parade, and told that if they cannot make a positive identification they should say so; but

> volunteers on parades are not infrequently ‘identified’. This suggests that such warnings may go unheeded. Once the case has come to trial, a witness who has previously made an identification will feel obliged to confirm it in court. Any display of uncertainty may be seen as ‘letting down’ the police and the prosecution.”

“Illi huwa fatt oggettiv li jezisti dubju ragonevoli li l-identifikazzjoni ta’ l-appellant minn Mrs Maria Grech. Dan barra mill-fatt li Mrs Maria Grech ma identifikatx lill-appellant fl-awla, meta kienet libera li taghmel dan.

“(d) Illi l-prosekuzzjoni wkoll strahu fuq ix-xhieda ta’ Stephen Spiteri u Rodney Vassallo, li t-tnejn xhedu li l-appellant f’St Michael’s Ward, l-Isptar San Luqa, kien ghamel konfessjoni lilhom separatament u taghhom id-dettalji kif sehh l-omicidju. Hemm dubju serji jekk fil-fatt l-appellant kienx kellem lil dawn iz-zewg persuni fuq il-qtil ta’ l-Avukat Dr Michael Grech. Huwa importanti li wiehed jghid li Stephen Spiteri u Rodney Vassallo huma informants maghrufa tal-Pulizija, u kienu xhieda principali ghal prosekuzzjoni f’zewg gurijiet ohra. Stephen Spiteri kien xhud fil-guri r-Repubblika ta’ Malta v. John Attard, waqt li Rodney Vella kien xhud principali fil-guri Ir-Repubblika ta’ Malta v. Joseph Azzopardi. B’hekk tqum il-mistoqsija naturali ghaliex dawn il-persuni kollha javvicinawhom sabiex jikxfu delitti bhal dawn. M’huwiex wisq kumbinazzjoni li dawn iz-zewg xhieda kienu wkoll xhieda ta’ konfessjonijiet f’diversi kazijiet ohra? Dan jimmilita serjament kontra il-kaz tal-prosekuzzjoni u kellu iwassal ghad-dubbju ragonevoli.

“Izda l-prova konkreta li l-appellant ma kellimx lil Stephen Spiteri u Rodney Vella fuq id-delitt kien mix-xhieda ta’ l-Ispettur Chris Pullicino, li waqt il-guri kkonferma li hu ircieva informazzjoni fis-6 ta’ Lulju 2005 li kien hemm persuni (fil-plural) fi St Michael’s Ward li kellhom informazzjoni dwar il-qtil tal-Avukat Dr Michael Grech. L-Ispettur Chris Pullicino l-ewwel kellem lil Stephen Spiteri, li imbaghad qallu li Rodney Vella kellu 1-istess informazzjoni. Skond Rodney Vella hu qatt ma kellem lil Stephen Spiteri b’dak li qallu l-appellant u jekk dan kien minnu, kif Stephen Spiteri qal lill-Ispettur Pullicino li Rodney Vella kellu informazzjoni fuq il-kas? Anki hawn l-ebda gurija ma kienet libera li taccetta dak li asseriet il-prosekuzzjoni.

“Illi aktar serju minn dan skond Rodney Vella, fl-ewwel lejl li kien St Michael’s Ward, kien gie avvicinat mill-appellant fejn allegatament qallu li kien sempliciment kien gie arrestat qabel in konnessjoni mal-qtil ta’ l-Avukat Grech. Kien allegatament il-gurnata ta’ wara li beda jaghti d-dettalji kif sehh id-delitt. Mir-records tal-Habs, pprezentati minn Richard Zammit, Rodney Vella dahal St Michael’s Ward fis-6 ta’ Lulju 2005. Jekk fis-6 ta’ Lulju 2005 l-Ispettur Chris Pullicino ircieva informazzjoni li Stephen Spiteri u Rodney Vella kellhom informazzjoni fuq id-delitt in kwistjoni, mela bilfors Rodney Vella mhux qed jghid il-verita` jew anticipa dak li kien se jghidlu l-appellant qabel ma qallu. Dan huwa serju hafna, specjalment meta persuna giet akkuzat u misjub hati ta’ omicidju volontarju u sahansitra inghatat l-piena ta’ ghomor. Kif Stephen Spiteri u Rodney Vella kellhom informazzjoni dwar il-kas, l-appellant ma jistax jirrispondi hlief li ma kienx hu li ta dik l-informazzjoni.”

**47.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv għal dak li ntqal f'paragrafu 26 *supra*), setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[9] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u tat-trattazzjonijiet, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

(ii) Issa, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-ġurati waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont il-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Dwar ir-rwol tal-Maġistrat Inkwirenti din il-Qorti tikkummenta illi l-Maġistrat Inkwirenti m'għandux jitqies merament bħala *rubber-stamp*. Inoltre huwa kien innomina espert tekniku (a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali) biex jeżamina *mobiles* u *hard-drives* tal-vittma. Ma tara xejn ħażin

---

[9] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fil-fatt illi hu personalment eżamina d-dokumentazzjoni li setgħet kienet relevanti. L-espert tekniku jgħid illi fil-fatt fl-ewwel ġimgħa jew ġimagħtejn il-Maġistrat Inkwirenti kien imur l-uffiċċju tiegħu kważi kuljum biex jara x'seta' kien hemm relevanti biex jingħata lill-Pulizija.[10]

(iv) Kwantu għal nuqqasijiet fil-provi forensiċi, ma jfissirx illi ma jistax ikun hemm provi oħra li huma kapaċi jwasslu sal-grad meħtieġ biex il-prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha fil-konfront ta' l-appellant.

(v) Dan il-każ jirrigwarda l-omiċidju ta' l-Avukat Michael Grech fil-25 ta' Mejju 2004 f'Marsalforn, Għawdex ħdejn ir-residenza tiegħu. Min kien involut fil-qtil tiegħu kien qiegħed jistenna fit-taraġ tal-blokk appartamenti fejn kien joqgħod il-vittma. Il-provi jindikaw li kien hemm tnejn min-nies involuti. Difatti x-xhud Mario Micallef jgħid li dakinhar kien għaddej bil-karozza flimkien ma' l-allura tfajla tiegħu u ra żewġ persuni mgħammdin "b'bħal balaklava u xi ħaġa bħal boiler-suit" li kienu għadhom kemm ħarġu minn garaxx u kellhom ħafna karti f'idejhom u xi basktijiet. Ir-riħ tajrilhom il-karti u wieħed minnhom kien qed jiġborhom. Meta ndunaw bih telqu jiġru u wieħed daħal jistaħba ġo garaxx. Innota li kellhom xi ħaġa tawwalija mgħottija ġo baskett u anke xi baskett bil-lumi għax il-baskett bil-lumi waqagħlhom.[11] Xi ħadd minn dawn il-persuni kien spara lejn il-vittma u laqtu fuq in-naħa tal-lemin ta' għonqu. Il-balla għaddiet superfiċjalment minn taħt il-ġilda għal ġot-tessuti u ġiet loġġjata fis-sider. Jidher li wara li qala' dan it-tir, il-vittma ħareġ jiġri lejn il-bieb ta' barra probabbilment iżomm il-ferita b'idu (għalhekk ma tantx kien hemm *bleeding* fit-taraġ) u probabilment waqaf biex jiftaħ il-bieb ta' barra u għalhekk kien hemm konċentrazzjoni ta' *droplets* ta' demm f'dan il-post. Jidher li l-vittma mar lejn Triq ix-Xtut fejn fit-telgħa fuq in-naħa tax-xellug hekk kif wieħed iħares minn isfel, kien hemm għadira demm fejn probabbilment l-istess vittma għal xi raġuni jew oħra waqa' ma' l-art. Mit-*trail* ta' demm fi Triq ix-Xtut sal-garaxx fejn instab il-kadavru jidher illi l-vittma tkaxkar sal-garaxx fejn meta kien ma' l-art wiċċu 'l isfel qala' daqqa fuq rasu b'oġġett iebes ħafna u tqil. Din id-daqqa kienet fatali.[12] Ir-rapport nekroskopiku jikkonkludi fil-fatt li l-mewt kien ikkaġunat minn *"a fractured skull and laceration of the brain"*.

(vi) L-Ispettur Chris Pullicino xehed li fost il-persuni li bagħtu għalihom il-Pulizija biex isaqsuhom dwar fejn kienu fil-ħin tad-delitt kien hemm l-appellant li qal li huwa kien rieqed id-dar. L-Ispettur Pullicino qal ukoll illi fl-1 ta' Ġunju 2004 daħlet informazzjoni anonima b'leħen maskili fuq il-linja tat-telefon 21221111 li hija l-linja tal-*crime-stopper* fejn intqal kliem fis-sens li l-każ kien għamlu l-appellant minħabba xi każ ta' separazzjoni li kellu ma' martu. Din l-

[10] Paġna 132 tat-traskrizzjonijiet.
[11] Paġna 174 - 177 tat-traskrizzjonijiet.
[12] Ara relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri.

informazzjoni ma waslet imkien. L-Ispettur Pullicino qal iżda illi f'Lulju 2005 ġie avviċinat minn żewġ priġunieri li kienu fis-St Michael's Ward u li qalulu li fl-istess żmien kien hemm ukoll l-appellant u li dan kien stqarr magħhom li kien hu li kien qatel lill-Avukat Michael Grech. Aktar tard l-Ispettur Pullicino ċċara li huwa bagħat għal Rodney Vella għax kien Stephen Spiteri li qallu li x'aktarx l-appellant kien kellem ukoll lil Vella. Meta ssejjaħ Vella, għall-ewwel innega li kien jaf xi ħaġa iżda mbagħad wara ftit qallu l-istorja.[13] Saru konfronti bejn dawn iż-żewġ priġunieri (Rodney Vella u Stephen Spiteri) separatament ma' l-appellant. L-Ispettur Pullicino jgħid li "l-ewwel l-akkużat beda jgħajjarhom giddibin fl- uffiċċju u mhux veru, iżda wara ftit, wara li ffaċċjawh b'dak kollu li kien qalilhom lil Rodney Vella qallu iva veru għidt hekk imma kont qed niblaffja, u lil Steve Spiteri l-istess, l-ewwel beda jgħajru giddieb imbagħad qallu imma biex niċċajta għidt hekk. Rodney Vella partikolarment għadni niftakru qisu llum irrabja dak il-ħin, qallu tiċċajta b'dawn l-affarijiet? Qallu tiċċajta meta jkollok xi żewġ nisa jew ma nafx kemm semmielu flus f'idek, qallu hemmhekk niblaffja, qallu mela li qtilt persuna?" L-Ispettur Pullicino jgħid ukoll illi qabel ma sar l-i*statement* l-appellant qal li dakinhar tad-delitt kien qed jistad ma' xi sajjied Marsaxlokk, Malta u mar Għawdex l-għada.

(vii) Issa, meta saret l-ewwel aggressjoni fuq l-Avukat Grech, martu u uliedu kienu ġewwa fl-appartament tagħhom. Maria Grech tgħid li semgħet sparatura ġejja mill-*common area* tal-blokk u qisha ġejja minn livell ogħla mill-pjan ta' l-appartament tagħhom. U eżatt wara semgħet qisha kommozzjoni. Semgħet il-kelma "ajma" darbtejn. Dak il-ħin ħasbet li kien żagħżugħ li jismu Steve li joqgħod fis-sular ta' fuqhom u li forsi xi ħadd minn sħabu għamillu xi ċajta. Fetħet il-bieb tgħajjatlu u minnufih niżel raġel min-naħa tax-xellug tagħha, waqaf quddiemha, wiċċu jħares lejha, mgħammad, liebes *boiler-suit* u ngwanti tip *surgical gloves*. F'idejh kellu arma ppuntata lejha. Għajnejh l-aktar li impressjonawha. Innutat li kienu kannella u a*lmond-shaped*. Tgħid li għajnejh "lili laqtuni b'mod li dawn l-għajnejn ma ninsihomx". Istintivament ppruvat tagħlaq il-bieb iżda sabet reżistenza u biex tagħlqu kellha tintefa' mal-bieb, għamlet is-s*afety chain* u qagħdet bilqiegħda ma'l-art iżżomm il-bieb. Imbagħad ċemplet lil ta' fuqhom fejn kien hemm Maria, oħt Steve, u li qaltilha li Steve kien is-*cinema*. Sussegwentement kienet hi li sabet lil żewġha mejjet ġo garaxx.[14]

(viii) Wara li Rodney Vella u Stephen Spiteri kkonfermaw il-verżjoni tagħhom bil-ġurament, fl-14 ta' Lulju 2005 il-Pulizija bagħtu għal Maria Grech, l-armla tal-vittma. Huma wrewha disa' ritratti ta' nies kollha bil-balaklava sovrappost

---

[13] Paġna 206 tat-traskrizzjonijiet.

[14] Paġni 220 – 226 tat-traskrizzjonijiet. Fix-xiehda tagħha Maria Grech tgħid li nnutat anke li kien hemm xi lumi fl-art u kkummentat lit-tifla li kien ġabilhom il-lumi. Dam qiegħed jngħad in vista ta' dak li xehed u osserva Mario Micallef – ara para. (v).

għall-uċuħ, b'għajnejhom u ħalqhom mikxufin, u "malli rajtu għażilt lin-number two bħala l-għajnejn li rajt dakinar fl-indana tat-taraġ, għax l-għajnejn kif għidt dawk kienu li mpressjonawni dejjem." In-numru tnejn kien l-appellant. Fil-presenza tal-Maġistrat Inkwirenti hija mbagħad assistiet għal *identification parade*. Hija tgħid li fliethom kollha sewwa bir-reqqa u kollha tressqu lejn il-ħġieġa li minn warajha kienet qed tħares. Tgħid: "x'ħin wasalt għal number 8 in-number 8 x'ħin rajt għajnejh ħaduni lura lejn il-ħin ta' l-inċident jiena x'ħin rajt dawk l-għajnejn, tant ħassejtni emozzjonata u mbeżża' fil-veru sens tal-kelma li għalkemm il-pulizija qaluli waqt l-*identification parade* tħabbilx moħħok ħadd ma jkun jista' jarak mill-ħġieġa 'il ġewwa, pero` l-mument li dawk l-għajnejn ħarsu lejja ħassejt bdejt ngħid żgur li qed jarani, żgur li qed jara wiċċi, żgur li qed jagħrafni. Jiġifieri n-number 8 dawk l-għajnejn ma ninsihom qatt."[15] Anke f'dan il-każ in-numru tmienja kien l-appellant.

(ix) Naturalment f'dawn it-tipi ta' identifikazzjonijiet, kif korrettement indirizza lill-ġurati l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, trid tiġi eżerċitata kawtela. Fl-istess ħin mhuwiex inverosimili illi, anke jekk għal ftit sekondi, l-għajnejn jagħmlu tant impatt fuq persuna illi diffiċli li wieħed jinsihom. Fi kwalunkwe każ, il-prosekuzzjoni ma straħitx biss fuq l-identifikazzjoni ta' l-għajnejn li għamlet Maria Grech.

(x) Bħalma ntqal, il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bħala prova x-xiehda ta' Rodeny Vella u Stephen Spiteri li t-tnejn qalu li l-appellant stqarr magħhom li kien hu li qatel lill-Avukat Grech. L-appellant isostni li dawn m'għandhomx jitqiesu kredibbli anke peress illi mhuwiex verosimili li l-appellant, li kien għadu kemm iltaqa' magħhom, jagħmel magħhom konfessjoni sħiħa.

(xi) Miċ-ċirkostanzi deskritti minn Rodney Vella u Stephen Spiteri jidher illi dak li l-appellant qallhom qalulhom b'mod għal kollox volontarju. Konfessjoni tista' tkun magħmula volontarjament għal diversi raġunijiet: biex tipproteġi lil ħaddieħor; għax tkun *delusional* u temmen li kkommettejt ir-reat; sabiex tattira attenzjoni; jew naturalment għax verament tkun ikkommettejt ir-reat. Huwa minnu illi l-appellant kien għadu kemm sar jaf lil dawn iż-żewġ persuni, iżda b'daqshekk għandu jiġi skartat dak li qalilhom?

(xii) Rodney Vella xehed waqt il-ġuri. Huwa qal li daħal il-ħabs għall-ħabta ta' Ġunju 2005 u l-psikjatra Dr Spiteri ddeċieda li jibagħtu St. Michael's Ward biex ikun jista' jhejji ruħu biex imur programm. Meta mar kien hemm erbgħa oħra, fosthom David Zerafa. L-ewwel lejl li kien St. Michael's Ward l-appellant mar ħdejh, għamillu cafe u x-xhud ma kellux sigaretti u l-appellant baramlu xi sigaretti u beda d-diskors. Saqsieh fuqhiex qiegħed il-ħabs, u l-appellant qallu li

[15] Paġna 227 *ibidem*.

kien il-ħabs għax kellu xi jgħid ma' xi pulizija u li din ma kinitx l-ewwel darba tiegħu li kien arrestat għax kienu arrestawh fuq xi qtil ta' xi avukat. Dik kienet l-ewwel ġurnata li tkellmu u dan kien meta kulħadd kien rieqed, l-appellant ħa siġġu ħdejn is-sodda tiegħu u bdew jitkellmu ras imb'ras. 'L għada wara nofsinhar l-appellant reġa' mar ħdejh u d-diskors reġa' waqa' fuq dan ta' l-avukat. Skont ix-xhud, l-appellant qallu li l-avukat kien deher għall-mara tiegħu għas-separazzjoni u li kien qed jaħseb illi l-avukat kellu relazzjoni mal-mara tiegħu, u ried jara kif jagħmel biex jeħles minnu. Ikompli x-xhud: "Iddecieda li jehles mill-avukat. Qalli li darba minnhom ghal habta ta' l-ghaxra ta' bil-lejl marru huwa u xi haddiehor li semmieli l-laqam tieghu izda jiena ma niftakarx dan il-laqam, qalli li marru jistennewh go blokka ta' appartamenti, qagħdu jistennewh fit-tarag u kif l-avukat tfacca qabad itih bil-*baseball bat*, ghax niftakar li qalli qbadt intih bil-*baseball bat*. U l-avukat lil xi hadd minnhom qallhom gharaftek, ma nafx lil min minnhom qal gharaftek, ma nafx jekk hux lil David jew lil komplici tieghu. U wiehed lil iehor qallu sparalu, ma nafx min spara minnhom jigifieri wkoll, ma qallix jien sparajt jew l-iehor spara. Naf li wiehed 'il iehor qallu sparalu. Hu qalli li ma laqtuhx u li bdew jigru warajh u kif qabduh bdew ituh bil-*baseball bat*.... Imbaghad qalli li waqfu ghax rawhom xi tnejn minn nies, li telqu jigru ghax haseb li rawhom tnejn minn nies.... Dak il-hin ma qallix x'ghamlu wara.... Kienet okkazjoni ohra... jekk m'inix sejjer zball kien it-Tnejn ghax is-Sibt niftakar li kelli viżta, wara l-viżta kien qalli dan id-diskors.... Kien qalli li kien mar ibiddel go xi kamra r-Ramla l-Hamra.... wara dak li ghamel. Niftakar li qalli kien id-dlam ghax ma ghandux dawl go din il-kamra.... Biddel hwejgu.... Ghax kienu mcappsin kollha demm.... Qalli li 'l ghada filghodu rega' mar il- kamra u sab xi ticpis ta' d-demm." Ix-xhud jgħid ukoll illi waqt li kien miegħu f'St Michael's Ward, l-appellant kien isemmi lill-avukat spiss billi jgħid: "F... il-qabar li qieghed fih l-avukat.... U anka gieli prova jcempel fuq l-Smash Radio biex jiddedika diska lil mara tieghu u jghidilha hemmx xi avukat." Ix-xhud jgħid li kienu bagħtu għalih il-Pulizija u qalulu li kellhom informazzjoni li kien jaf xi ħaġa dwar id-delitt ta' l-Avukat Michael Grech. Qal li għall-ewwel innega iżda beża' li jidħol f'xi basla u għalhekk iddeċieda li jgħid il-verita` li hija dik li xehed. Sar konfront ma' l-appellant fejn, wara li x-xhud ikkonfrontah b'dak li kien qallu, l-appellant "ghall-ewwel innega umbaghad qalli iva veru ghidtlek hekk, qalli imma biex niblaffja ghidtlek hekk.... Ghidtlu tiblaffja b'dan il-mod? Ghidtlu tiblaffja jkollok xi mitejn elf lira tieghek u xi zewg Germanizi bhal ma tghid li jkollok, ghidtlu hekk tiblaffja, mhux li qtilt." Ix-xhud qal li waqt li l-appellant kien ikun qiegħed ikellmu, kien iħares lejn it-tliet sodod l-oħra biex jara jekk humiex riqdin l-oħrajn. Skont ix-xhud, l-appellant qallu li la joħrog mis-St Michael's Ward ried "joqtol lil komplici tieghu, min kien mieghu ghax qed jibza' li ser jikxfu u jrid isinn mannarett, jorbotha b'habel ma' idejh u joqtol lil mara. U jrid jorbotha ma' idejh biex hadd ma jehodhielu minn idu. Imterqa jew mannarett, ma niftakarx ezatt."

(xiii) Stephen Spiteri kien miet fil-mori tal-kawża u għalhekk inqrat ix-xiehda li kien ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Qal li kien ilu residenti f'St. Michael's Ward għal perjodu ta' tliet xhur u nofs qabel ma wasal David Zerafa. Staqsieh kif kien ġie arrestat u nfaqa' jibki. Sussegwentement qallu li dak li għamel għamlu għax kien imurlu mal-mara. Qallu li l-ħaġa kienet ilha pjanata biex issir u dejjem kien joqgħod lura, iżda darba minnhom iddeċieda biex imur ma' wieħed magħruf bhala l-Hikka. Huma marru dakinhar jistennew lill-Avukat Grech ħdejn il-bieb tad-dar tiegħu, ħallewh idaħħal il-karozza tiegħu bil-kwiet u telgħu jistennewh fuq. Appena daħal hebbew għalih u f'ħin minnhom kien hemm xi tir ta' revolver. Qal li l-avukat daħal fi triq li ma tinfidx. Tawh daqqtejn ta' *baseball bat* kif qabduh u komplew jagħtuh fit-triq. F'ħin minnhom l-avukat qallu "għaraftek". L-appellant baqa' jinsisti biex jispjegalu l-istorja għalkemm ix-xhud x'ħin ra dan il-piż kollu beda jaqtagħlu. Skont ix-xhud, l-appellant qal li appena rawh f'għadira demm daħħluh għal ġo daħla li tagħti għal appartament. Meta raw illi kien mejjet tawh daqqtejn oħra. Qallu wkoll li huma u sejrin 'l hemm kien hemm żewg persuni ġo karozza li rawhom sejrin 'l hemm. Ma qallux x'tip ta' karozza kienet. L-appellant u sieħbu l-Hikka telqu bil-Hunter u marru lejn ir-Rabat. Qallu li kellu xi affarijiet fil-kamra tiegħu fir-Ramla l-Ħamra għax min kien miegħu għandu xi farm house hdejn ir-Ramla l-Ħamra. Qallu illi huwa kien għamel dedika fuq l-Smash Radio u fil-fatt effettivament semagħhom anke hu u kien jgħid li dawn id-dediki kien jagħmilhom lil martu u jgħidilha jekk hemmx avukat. Dan ix-xhud qal li xi xahar u nofs qabel kien qiegħed l-Isptar St Luke's u kien hemm persuna li tiġi mill-appellant tagħtih flus biex ma jixhidx. Skont ix-xhud dan kien ir-ragel ta' oħt l-appellant, u x-xhud qallu: "mhux ahjar titlaq 'l hemm?" Qal li anke "issa hu bagħat risposta lili biex jiena ma nixhidx f'dawn il-proċeduri. Niftakar li waqt li jiena kont mizmum fis-SATU l-uffiċjali tas-SATU kienu talbuni biex ninżel id-depot. Kif kont hemmhekk fl-uffiċċju tas-Sur Chris Pullicino kont ġejt ikkonfrontat mill-imputat. Kont għidtlu b'dak li kien qalli, cioe` dak li għadni kif għidt lill-Qorti. Għall-ewwel beda jiċħad dak li bdejt ngħid jien u wara ftit tal-ħin ammetta li kien qalli hekk pero` kien qalha b'ċajta. Dak il-ħin jiena għidtlu ma naħsibx li hija xi kwistjoni li tiftaħar. Hu qal li vera kien qalli hekk, qalli hekk quddiem is-supretendent Pierre Calleja u l-Ispettur Chris Pullicino u xi ufficjali ohra tal-korp. Jiena fhimt li meta kien qed jitkellem miegħi ma kienx qed jiċċajta, u waqt li kien qed jitkellem fuqu beda joffendih u jisħet il-qabar li kien qiegħed fih u dan għaliex kien irrovina lilu u lil martu."

(xiv) Minn dak li xehdu dawn iż-żewġ persuni huwa evidenti illi d-dettalji li taw setgħu jingħataw biss minn min kien involut fid-delitt. Il-fatt li kienu tnejn min-nies (ara xiehda ta' Mario Micallef); li stennew lill-vittma fit-taraġ tal-blokk appartamenti fejn kien joqgħod; li kienu sparaw lill-vittma; li l-fatt li meta ntlaqat, il-vittma niżel jiġri t-taraġ huwa kompatibbli mal-fatt li l-appellant

ħaseb li ma kienx intlaqat; li l-vittma kien ngħata daqqa jew daqqiet b'*baseball bat* (Mario Micallef, bħal ma ntqal, ra fost affarijiet oħra li kellhom t-tnejn min-nies mgħammdin, xi ħaga twila li kienet mgħottija); li meta l-vittma ħarab mill-blokk appartamenti, daħal fi triq li ma tinfidx; li l-korrei ħarbu minn fuq il-post meta raw li ġew innutati minn tnejn min-nies; li l-appellant mar ibiddel ġo kamra r-Ramla l-Ħamra (ġie stabbilit li l-appellant għandu kamra r-Ramla l-Ħamra) u li proprju f'din il-kamra nstabet imterqa li kellha bżonn sinnatura u li kellha qafla magħha (ara relazzjoni ta' P.C. 1525 Patrick Farrugia u P.S. 659 Jeffrey Hughes – Dok. PS); li fl-imsemmija kamra ma kienx hemm dawl u ilma; u li l-Avukat Grech kien fil-fatt l-avukat ta' mart l-appellant.

(xv) Jirriżulta li għalkemm l-appellant, meta konfrontat ma' Rodney Vella u Stephen Spiteri, għall-ewwel beda jgħajjarhom giddibin, wara ammetta li qallhom id-diskors li semmew imma lil Rodney Vella qallu li kien qed jibblaffja u lil Stephen Spiteri qallu li kien qiegħed jiċċajta meta qal dak id-diskors. Difatti huwa baqa' jinnega waqt l-interrogazzjoni li dak li qalu dwaru Rodney Vella u Stephen Spiteri kien veru. Kull ma ammetta li kien veru li offenda lill-avukat fil-qabar, li qallhom li kellu kamra r-Ramla (li hi ta' missieru) u li kellu mterqa għall-ħatab). Qal ukoll li kien jibża' minnhom.

(xvi) In difeża l-appellant ipproduċa lil ħutu Emanuel Zerafa u Jeffrey Zerafa. Emanuel Zerafa xehed li fil-25 ta' Mejju 2004 filgħaxija kien qiegħed fejn it-television u f'xid-disgħa neqsin kwart x'ħin spiċċa l-aħbarijiet ra lill-appellant tiela' t-taraġ għal gol-kamra tiegħu fuq. Qal li jiftakar għax 'l għada qallu li marru ghalih isaqsuh ghax kienu qatlu lil xi hadd. Kull ma sema' t-television tiegħu jagħti, għax hemm television ġol-kamra tiegħu, għax il-kamra ta' l-appellant bla bieb. Ix-xhud spjega wkoll: "xi l-ghaxra neqsin kwart jew l-ghaxra, ghalaqt ic-cavetta umbaghad hemm il-firroll ta' l-bieba li tinfetah il-main, dik ghamilnhielha firroll ghax bir- rih kien dejjem ihabbat il-bieb ta' l-aluminium. U c-cavetta hemm vetrina nitfaghha fuq jien, hemm dghajsa ta' l-kartun u nitfaghha go fiha." Qal li qam fit-tlieta ta' filgħodu biex jinżel l-Imġarr u l-bieb kien għadu kif ħallieh hu u ċ-ċavetta fejn ħalliha, allura ma kien ħareġ ħadd. In kontro-eżami qal li dakinhar l-appellant ma kienx Malta għax rah b'għajnejh. Mistoqsi jekk kienx bagħat għalih l-Ispettur Pullicino u saqsieh fejn kien l-appellant dakinhar, ix-xhud qal li lill-Ispettur qallu li l-appellant kien id-dar. Meta aktar 'il quddiem ġie kkonfrontat b'dak li jidher li kien qal lill-Pulizija, cioe`: "Kien hemm missieri u ommi u ż-żewġ ħuti naħseb, pero` ma niftakarx jekk David kienx hawn jew Malta", ix-xhud baqa' jinsisti li kien Għawdex u li lill-Pulizija qallhom li l-appellant ġieli kien Malta. Jeffrey Zerafa wkoll xehed li dakinhar l-appellant kien id-dar u rah dieħel fid-disgħa ta' bil-lejl. Meta dan ix-xhud kien ukoll konfrontat b'dak li kien qal lill-Pulizija fejn deher li seta'esprima xi dubju dwar jekk l-appellant kienx Malta jew Għawdex, huwa qal li lill-Ispettur ma qallux li ħuh kien Malta ċert, "għidtlu ħija seta' kien

Malta u aktarx kien hawn imma”. Pero` baqa’ jinsisti li ħuh kien id-dar dakinhar tad-delitt.

(xvii) Fid-dawl ta’ dan kollu huwa evidenti illi l-ġurati qiesu aktar verosimili l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni. Ma setgħux jemmnu li persuna tagħti sensiela ta’ dettalji preċiżi jekk mhux għax saru jafuhom mingħand min kien intimament konness magħhom. Probabilment qiesu wkoll illi ma kinitx żbaljata l-identifikazzjoni li kienet għamlet mart il-vittma. Fuq kollox, ma jidhirx li qiesu veritjera l-alibi li ppruvaw ifornu ħut l-appellant.

(xviii) Konsegwentement il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jaslu għall-verdett kif ippronunzjat minnhom dwar il-Kapi kollha ta’ l-Att ta’ Akkuża.

**48.** L-aħħar aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jgħid:

> “Illi ghalkemm l-verdett ma kienx unanimu dwar l-ewwel kap, u minkejja dak li tipprovdi il-ligi, l-ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellant ghall-oghla sentenza li setghet taghtih, jigifieri l-prigunerija ta’ l-ghomor. Dana jistona mhux biss ghax il-ligi fejn il-verdett ta’ htija mhux unanimu tahseb ghal piena Ii mhux ghal ghomor, izda ukoll meta tigi paragonata l-piena f’dal kaz ma dik f’kazijiet ohra kitf jigi spjegat fit-trattazzjoni. Partikolarment issir riferenza illi f’dawn l-ahhar ghaxar snin l-piena ta’ prigunerija ghal ghomor inghatat principalment meta kien hemm qtil ta’ aktar minn persuna wahda u mhux meta allegatament tinqatel persuna wahda biss u fejn il-verdett kien unanimu.
>
> “Fi kwalunque kaz u dan kollu qed jigi sottomess subordinatament ghas-sottomissjoni ta’ l-esponent li huwa ma kellux jinstab hati, huwa evidenti li l-piena inflitta fuqu specjalment tenut kont tac-cirkostanzi kollha, anki ta’ provi, specjalment meta paragonata ma’ dik inflitta mill-istess qorti u qrati ohra f’kazijiet ohra kienet harxa izzejjed.”

**49.** In materja ta’ piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[16].

**50.** L-artikolu 492(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **“Il-qorti tista’ tagħti piena ta’ priġunerija għal żmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ priġunerija għall-għomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li għalih hemm stabbilita l-piena ta’ priġunerija għall-għomor, il-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi.”**

[16] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

**51.** Evidentement, mela, hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tagħtix piena anqas minn priġunerija għall-għomor fejn il-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi. F'dan il-każ l-ewwel Qorti kienet ċara fir-raġunijiet tagħha għaliex iddeċidiet li tinfliġġi l-piena massima: il-premeditazzjoni, il-motiv, id-determinazzjoni u l-krudelta` murija, u anke l-fedina penali kkulurita ta' l-appellant.

**52.** Din il-Qorti hi bla dubju ta' xejn iddisturbata mill-gravita` ta' dan il-każ li huwa sintomatiku tal-vjolenza esaġerata li xi kultant tisventra l-ordni pubbliku u t-trankwillita` ta' pajjiżna. Għalhekk meta jiġru każijiet bħal dak in diżamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' għemilu permezz ta' piena adegwatament ħarxa.

**53.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571): **"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."**

**54.** Konsegwentement, u wara li ħasbet fit-tul dwar dan il-punt, wara li qieset li l-piena ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

**55.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.